



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



Rapport Annwali 2024

Panorama tas-sena

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiggarantixxi l-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija waħda minn seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha l-missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati u billi tiggarantixxi l-istħarriġ tal-legalità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni.

L-istituzzjoni tikkontribwixxi sabiex jiżgura l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew permezz tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġ qradi: il-“Qorti tal-Ġustizzja” u l-“Qorti Ġenerali”.

Rapport Annwali 2024

Panorama tas-sena





Contents

Daħla mill-President.....	4
1. Ħarsa qasira lejn is-sena 2024.....	7
A. Sena f’ritratti	8
B. Sena f’ċifri	16
L-istituzzjoni fl-2024	16
Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali)	17
Id-dipartimenti lingwistiċi	18
2. L-attività ġudizzjarja	21
A. Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024	22
L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja	22
Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja.....	26
B. Il-Qorti Ġenerali fl-2024	30
L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali	30
Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza.....	32
Il-Membri tal-Qorti Ġenerali.....	36
C. Il-ġurisprudenza fl-2024.....	40
Focus Pakkett dwar il-mobbiltà 2020: kompetizzjoni ġusta u titjib tal-	
kundizzjonijiet tax-xogħol għal settur tat-toroq iktar sigur,	
sostenibbli u ġust	40
Focus Produzzjoni organika u ttikkettjar ta’ prodotti organiċi	42
Focus Aċċess pubbliku għall-kuntratti tax-xiri ta’ vaċċini kontra l-COVID-19.....	46
Focus Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet li jikkompromettu jew	
jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina	50
Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena	54

3. Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja	75
A. Daħla mir-Reġistratur	76
B. L-avvenimenti ewlenin tas-sena	78
Trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari	78
L-20 anniversarju tat-tkabbir tal-2004	82
Qafas etiku msaħħaħ għall-membri tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	85
C. Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku	88
4. Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent	91
5. Farsa lejn il-futur	95
6. Nibqgħu konnessi!	99



Koen Lenaerts

President tal-Qorti
tal-Ġustizzja tal-Unjoni
Ewropea

F'kuntest globali kkumplikat, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rnexxielha żżomm id-direzzjoni tagħha, immexxiha mill-missjoni ta' ġustizzja u ta' supremazija tad-dritt mogħtija lilha mit-Trattati. Hija ħadmet bla waqfien sabieħ tipproteġi l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u sabieħ tikkontribwixxi għall-bini ta' ordinament ġuridiku komuni għall-Istati Membri. Hija ħadet ukoll passi importanti ġodda li huma, u ser ikunu, essenzjali għall-funzjonament tagħha fis-snin li ġejjin.

Is-sena li għaddiet immarkat il-bidu ta' era ġdida għall-istituzzjoni u għar-relazzjonijiet ġudizzjarji bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, kif ukoll bejn dawn iż-żewġ qrati u l-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni. It-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali kien pass importanti fl-iżvilupp tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni. Dan it-trasferiment għandu jiżgura, fl-interess tal-partijiet quddiem il-qrati, tqassim aħjar tal-volum tax-xogħol bejn iż-żewġ qrati filwaqt li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiffoka iktar fuq ir-rwol tagħha bħala qorti kostituzzjonali u suprema tal-Unjoni. Din ir-riforma profonda kienet possibbli bis-saħħa ta' kooperazzjoni kolleġġjali u effikaċi bejn iż-żewġ qrati matul il-proċess kollu tagħha, mit-tfassil tat-talba għal emenda tal-Istatut indirizzata lil-leġiżlatur tal-Unjoni sal-implimentazzjoni konkreta tagħha. Din tal-aħħar kienet il-frott ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn ir-Reġistri u d-dipartimenti kkonċernati tal-istituzzjoni, bil-għan li l-Qorti Ġenerali tkun tista' tittratta dawn it-tipi ta' kawżi ġodda fl-aħjar kundizzjonijiet.


Barra minn hekk, f'Mejju 2024, l-istituzzjoni ċċelebrat l-għoxrin anniversarju tal-ikbar tkabbir tal-Unjoni, mhux biss bħala numru ta' ċittadini u ta' Stati kkonċernati iżda wkoll minħabba d-dimensjoni simbolika tiegħu. L-ċelebrazzjoni ħadet il-forma ta' kollokju li enfasizza l-arrikkiment li rriżulta għall-patrimonju komuni tagħna mill-adeżjoni ta' għaxar Stati ġodda, b'varjetà ġdida ta' stejjer nazzjonali, ta' kulturi u ta' tradizzjonijiet legali. Billi għaqqdet iż-żewġ partijiet tal-kontinent – il-Lvant u l-Punent – fi proġett kostituzzjonali komuni storiku, din l-adeżjoni wriet ukoll b'mod konkret u impressjonanti li l-ideal tal-paċi mmexxi mill-Unjoni jinsab fil-qalba stess tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

Fuq livell organizzattiv, is-sena 2024 kienet ikkaratterizzata minn tiġdid parzjali ġdid sinjifikattiv ħafna tal-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, bit-teħid ta' ġurament minn disa' Membri ġodda, li ħamsa minnhom kienu preċedement Imħallfin fil-Qorti Ġenerali. Din ir-riorganizzazzjoni wiesgħa, li kienet ippreċeduta mill-ġhoti ta' numru kbir ħafna ta' sentenzi fl-4 ta' Ottubru 2024, kienet teħtieġ koordinazzjoni impekkabbli sabiex il-Membri u l-uffiċċji tagħhom jintlaqgħu fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tagħha fuq it-tkomplija mingħajr xkiel tal-attivitajiet tal-istituzzjoni.

Meta wieħed iħares 'il quddiem lejn l-2025, numru ta' sfidi interessanti ser jimmotivaw l-istituzzjoni kollha. Dawn ser jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni, bit-tfassil mill-ġdid tas-sit internet tagħha u tal-magna tat-tiftix tal-ġurisprudenza tagħha, kif ukoll it-tnedija skedata ta' stazzjoni tat-televiżjoni fuq l-internet iddedikat għall-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn il-proġetti huma maħsuba li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-professjonisti legali, iżda wkoll sabiex jikkontribwixxu għall-għan fundamentali li l-ġustizzja titqarreb lejn iċ-ċittadini, sabiex ikunu jistgħu jifhmu r-rwol u d-deċiżjonijiet tagħha. Iżda l-isfidi ser jikkonċernaw ukoll il-metodi ta' ħidma tagħna fil-futur, b'iktar ħidma fuq l-użi potenzjali tal-intelliġenza artifiċjali u fuq il-programm tal-informatika li għandu jipprovdi sistema integrata għall-ġestjoni tal-kawżi. Dawn l-azzjonijiet ser jitwettqu bil-għan li l-istituzzjoni tagħna tkun tista' ssir iktar effiċjenti, sabiex tkun tista' tindirizza ż-żieda fin-numru ta' kawżi, filwaqt li tħares l-oġġettiv li livell ta' kwalità li teħtieġ il-missjoni ta' ġustizzja mogħtija lilha u filwaqt li jiġu osservati r-rekwiżiti imperattivi kollha li fuqhom hija bbażata.

K. Lenaers







**¶arsa
qasira lejn
is-sena 2024**

A. Sena f'ritratti

Frar



Approvazzjoni mill-Parlament Ewropew tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali

Bil-għan li jintlaħaq bilanċ aħjar bejn il-volum tal-kawżi bejn iż-żewġ qradi tal-Unjoni u bil-għan li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tikkonċentra iktar fuq ir-rwol tagħha bħala qorti kostituzzjonali u suprema, din tal-aħħar ressqet quddiem il-leġislatur tal-Unjoni, f'Novembru 2022, talba għal emenda tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li kienet tipprevedi t-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali. Wara diversi xhur ta' eżami u ta' negozjati fil-kuntest tal-proċess leġislattiv, din ir-riforma importanti ġiet approvata mill-Parlament Ewropew fis-27 ta' Frar b'maġġoranza kbira ħafna.



Laqgħa internazzjonali "Ġustizzja, Ġenerazzjonijiet futuri u Ambjent" fil-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż

Koen Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, attenda f'Pariġi laqgħa internazzjonali organizzata mill-Kunsill Kostituzzjonali u mill-Istitut tal-Istudji u tar-Riċerka dwar id-Dritt u l-Ġustizzja. Għal din il-laqgħa mingħajr preċedent attendew madwar mitt president u mħallef ta' qradi supremi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali sabiex jiddiskutu l-impatt dejjem jikber tal-kunċett ta' "ġenerazzjonijiet futuri" fil-kawżi dwar l-ambjent.

Marzu



Żjara tal-President tar-Repubblika Ċeka, Petr Pavel

Il-President tar-Repubblika Ċeka, Petr Pavel, intlaqa' minn Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll minn Jan Passer, Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, u minn Petra Škvařilová-Pelzl u David Petrлік, Imħallfin fil-Qorti Ġenerali. Waqt laqgħa mal-membri tal-persunal tal-istituzzjoni ta' nazzjonalità Ċeka, id-delegazzjoni setgħet tammira l-pittura *Na cestě*, xogħol l-artista Ċeka Míla Doleželová, misluf mill-Università ta' Masaryk, bil-messaġġ ta' tama, ta' libertà u ta' umaniżmu tagħha.

L-ewwel djalogu annwali bejn il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Ġustizzja

Imħeġġa mill-kwalità tal-iskambji li saru fil-kuntest tal-abbozz ta' regolament dwar it-trasferiment tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali, il-Parlament u l-Qorti tal-Ġustizzja għażlu li jrawmu d-djalogu tagħhom abbażi ta' laqgħa annwali ddedikata għal suġġetti ta' interess komuni b'rabta mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, b'osservanza stretta tas-separazzjoni tal-poteri. Il-laqgħat huma mistennija li jindirizzaw il-perċezzjoni, miċ-ċittadini Ewropej, tal-ġustizzja u tal-osservanza tal-Istat tad-dritt kif ukoll kwalunkwe titjib possibbli fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja, bil-għan li l-ġustizzja tkompli titqarreb lejn iċ-ċittadini Ewropej.



Impenn solenni minn tliet Membri ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Maħtura mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Membri l-ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Katarína Kaszasová, Alejandro Blanco Fernández u João Leão, ħadu l-impenn solenni tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja



April

Inawgurazzjoni ta' wirja storika fil-Qorti tal-Ġustizzja

Wirja ddedikata għall-istorja tal-istituzzjoni ġiet inawgurata fil-Qorti tal-Ġustizzja. Din il-wirja, komposta minn ritratti, xogħlijiet tal-arti u oġġetti rari, issegwi l-istorja tal-qradi u tal-bini tagħhom u hija aċċessibbli għal kull viżitatur.





Finali tal-kompetizzjoni “European Law Moot Court”

Organizzata għall-ewwel darba fl-1988, il-“European Law Moot Court” hija kompetizzjoni bbażata fuq l-abbiltà li jsiru sottomissjonijiet orali. Din hija l-iktar kompetizzjoni importanti fid-dinja fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni. Il-kompetizzjoni tal-2024 intrebħet mill-Università ta’ Madrid li, fil-finali, kellha tikkompeti kontra l-Università Taljana ta’ Roma Tre.



Udjenja solenni ta’ eloggi funebri

Ingħata omaġġ solenni lill-memorja ta’ John L. Murray, Imħallef Irlandiż fil-Qorti tal-Ġustizzja (1991-1999), li miet f’Jannar 2023; ta’ Philippe Léger, Avukat Ġenerali Franċiż fil-Qorti tal-Ġustizzja (1994-2006), li miet f’Jannar 2023; u ta’ Waltraud Hakenberg, Reġistratriċi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (2005-2016), li mietet f’Jannar 2024.

Mejju




Forum tal-Membri tal-Ġudikatura u kollokju fil-kuntest tal-XX anniversarju tat-tkabbir tal-2004

Fl-1 ta’ Mejju 2004, għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea: ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja. Sabiex jitfakkar l-20 anniversarju ta’ dan l-avveniment, il-Qorti tal-Ġustizzja organizzat Forum tal-Membri tal-Ġudikatura u kollokju.

Ġunju

Għoti tax-xogħol artistiku “LL” tal-artist Litwanjan Kazys Varnelis

Ix-xogħol artistiku “LL” (1972) tal-artist Litwanjan Kazy Varnelis ingħata lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-preżenza tal-President tagħha, Koen Lenaerts, mill-Viċi Ministru għall-Ġustizzja tal-Litwanja, Jurga Greičienė, u mill-persuna responsabbli għad-Dipartiment tal-Istudju ta' Ikoni tal-Mużew Nazzjonali tal-Litwanja, Jolanta Bernotaitytė.



Żjara minn delegazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'Varsavja

Delegazzjoni tal-Qorti Ġenerali, komposta mill-President tagħha, Marc van der Woude, u mill-Imħallfin Pollakki Krystyna Kowalik-Bańczyk u Nina Półtorak, kif ukoll mill-Imħallf Litwanjan Saulius Lukas Kalėda, marru Varsavja għal laqgħat organizzati mill-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka kif ukoll mill-Kamra tal-Avukati ta' Varsavja, sabiex jippreżentaw ir-rwol tal-Qorti Ġenerali u jsaħħu r-rabtiet mal-qrati nazzjonali li jisingħu kawżi fl-oqsma kkonċernati mit-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali.



Settembru

Emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali

Fl-1 ta' Settembru daħlu fis-seħħ emendi sinjifikattivi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Dawn l-emendi jimplimentaw l-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali, applikabbli mill-1 ta' Ottubru, u jimmodernizzaw il-proċeduri quddiem iż-żewġ qrati.





Żjara minn delegazzjoni tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti

Din iż-żjara, li tagħmel parti minn laqgħat regolari li ilhom jinżammu sa mill-1998, kompliet issaħħaħ ir-rabtiet mill-qrib storiċi bejn il-Qorti Suprema tal-Istati Uniti u l-Qorti tal-Ġustizzja.



Installazzjoni ta' xogħol artistiku fil-Ġnien tal-Multilingwiżmu

Ix-xogħol artistiku *Genus*, maħluq mill-artista Lussemburgiża Simone Decker, ġie installat fil-Ġnien tal-Multilingwiżmu, li jinsab maġenb il-Qorti tal-Ġustizzja. Dan ix-xogħol, iddisinjat speċjalment għall-Qorti tal-Ġustizzja, huwa ispirat mill-multilingwiżmu u jissimbolizza d-diversità lingwistika u kulturali tal-Unjoni.

Ottubru



Trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari

Ir-regoli dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru. Il-kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa b'effett minn din id-data u li jikkonċernaw sitt oqsma speċifiċi ser jiġu ttrattati mill-Qorti Ġenerali. L-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari ttrasferita lill-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Ottubru (T-534/24, Gotek) hija bil-Kroat u tressqet mill-Qorti Amministrattiva ta' Osijek.

Tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja u dħul fil-kariga ta' Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali

Inżammet udjenza solenni fl-Awla għas-Seduti prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni, minn naħa, tat-tmiem tal-kariga ta' Lars Bay Larsen, ta' Alexandra Prechal, ta' Jean-Claude Bonichot, ta' Peter George Xuereb, ta' Lucia Serena Rossi, ta' Priit Pikamäe, ta' Nils Wahl u ta' Anthony Michael Collins, u, min-naħa l-oħra, tat-teħid ta' ġurament minn disa' Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri Bernardus Smulders, Massimo Condinanzi, Fredrik Schalin, Stéphane Gervasoni, Niels Fenger u Ramona Frendo, bħala Mħallfin, Dean Spielmann, Andrea Biondi u Rimvydas Norkus bħala Avukati Ġenerali, kif ukoll minn żewġ Imħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali, Hervé Cassagnabère u Raphaël Meyer.



Elezzjoni tal-President, tal-Viċi President u tal-Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Koen Lenaerts ġie elett mill-ġdid, mill-kollegi tiegħu, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għat-tliet snin li ġejjin. Bl-istess mod, Thomas von Danwitz ġie elett Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ħa post Lars Bay Larsen. Maciej Szpunar ġie elett mill-ġdid bħala Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja.



Novembru

Xahar ta' taħriġ dwar l-intelliġenza artifiċjali

Il-kampanja ta' taħriġ fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (IA) hija intiża li tippreżenta l-opportunitajiet u l-isfidi marbuta mal-użu tagħha. L-għan huwa li jiġi ċċarat il-qasam tal-IA u li jiġi promoss użu etiku u responsabbli tal-għodda bbażata fuq din it-teknoloġija.





Impenn solenni minn tliet Membri ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Maħtura mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Membri l-ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Petri Sarvamaa, Hans Lindblad u Carlo Alberto Manfredi Selvaggi, ħadu l-impenn solenni tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.



Żjara mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts, flimkien ma' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, żar il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kuntest tal-laqgħa ta' kull sena. Id-diskussjonijiet kienu dwar tliet suġġetti prinċipali: "Il-bidla fil-klima: sfida għaż-żewġ qradi Ewropej", "Is-sorveljanza tal-massa u l-protezzjoni tad-data personali", u "Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuna b'diżabbiltà".



Is-sitt laqgħa tal-korrispondenti tan-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea fi Brussell

Is-sitt laqgħa tal-korrispondenti tan-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea inżammet fi Brussell, għall-ewwel darba barra mil-Lussemburgu, taħt il-patroċinju tal-Kunsill tal-Istat Belġjan. Il-laqgħa kienet iddedikata għall-futur tal-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea u għall-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi mill-qradi nazzjonali.

Diċembru

Jum ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà fil-Qorti tal-Ġustizzja

L-istituzzjoni, li tħaddan impenn sod espress permezz ta' diversi azzjonijiet favur l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni, organizzat il-Jum ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà li, din is-sena, kellu bħala tema l-“Inklużjoni permezz tal-isport: is-saħħa tagħna fid-diversità”.



B. Sena f'ċifri

L-istituzzjoni fl-2024

81 Imħallef minn
27 Stat Membru

Il-Qorti tal-Ġustizzja

27 Imħallef 11 -il Avukat Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali

54 Imħallef

Baġit: EUR 504 miljuni

2 267
uffiċjal u aġent

61 % nisa 39 % rġiel

Il-proporzjon ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi
ħdan l-amministrazzjoni jqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja
fil-medja superjuri tal-istituzzjonijiet Ewropej.

In-nisa jikkupaw:

54 % tal-pożizzjonijiet ta'
amministratur

49 % tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija
f'livell intermedju jew superjuri


e-Curia

Perċentwali tal-atti proċedurali ppreżentati permezz ta' e-Curia:

91 % quddiem il-Qorti
tal-Ġustizzja

96 % quddiem
il-Qorti Ġenerali

11 692 kont ta' aċċess e-Curia



Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali)

1 706 kawżi mressqa

1 785 kawża maqtugħa

2 911-il kawża pendent

Tul medju tal-proċeduri: 18,1 xhur

e-Curia hija applikazzjoni informatika li tippermetti lir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, kif ukoll lill-qradi nazzjonali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiskambjaw l-atti proċedurali mar-Reġistri b'mezzi esklużivament elettroniċi.

e-Curia: l-applikazzjoni informatika li tippermetti l-iskambju ta' dokumenti ġudizzjarji



[ara l-video fuq YouTube](#)



Id-dipartimenti lingwistiċi

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fiha tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

24

lingwa
tal-kawża

552

kombinazzjoni
lingwistika possibbli

608

ġuristi lingwisti sabiex jittraduċu
d-dokumenti miktuba

1 366 000

paġna
għat-traduzzjoni

1 371 000

paġna tradotti

503

seduti u laqgħat li bbenefikaw
mill-interpretazzjoni simultanja

70

interpretu għas-seduti
għas-sottomissjonijiet orali
u għal-laqgħat

Multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
– Garanzija ta' aċċess ugwali għall-ġustizzja



[ara l-video fuq YouTube](#)



Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li tipprevedi l-possibbiltà li jintużaw l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss ġuristi lingwisti li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profund ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.







2

**L-attività
ġudizzjarja**

A. Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tisma' kawżi, prinċipalment, dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari. Meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni jew dwar il-validità tagħha, hija għandha tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel rinviu lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li tindirizza dawn id-dubji, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża li jkollha quddiemha. Fil-kawżi li jeħtieġu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll mal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hija prevista proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' wkoll tiġi adita b'rikorsi diretti, intiżi jew sabiex jinkiseb l-annullament ta' att tal-Unjoni ("rikors għal annullament"), jew sabiex jiġi kkonstatat li Stat Membru ma josservax id-dritt tal-Unjoni ("rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas min-naħa tiegħu, rikors ieħor, imsejjaħ "rikors għat-tieni nuqqas", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni pekunjarja.

Barra minn hekk, jistgħu jiġu ppreżentati appelli mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tannulla dawn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar nett, jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talbiet għal opinjoni dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni jkollha l-intenzjoni li tikkonkludi ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali (imressqa minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea).



Koen Lenaerts

President tal-Qorti
tal-Ġustizzja tal-Unjoni
Ewropea

L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata mill-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riforma leġislattiva tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea permezz tar-[Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill 2024/2019](#) maħsub, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex il-volum tal-kawżi jinqasam bejn iż-żewġ qrati tal-Unjoni billi jittieħed vantaġġ mill-irdoppjar fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali deċiż permezz tar-[Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2015/2422](#) fl-2015. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għalhekk tkun f'pożizzjoni li tkompli twettaq, f'termini raġonevoli, il-missjoni tagħha li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni minkejja żieda sinjifikattiva fin-numru ta' kawżi mressqa quddiemha kif ukoll żieda fin-numru ta' kawżi kumplessi u sensittivi li jirrigwardaw, b'mod partikolari, kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew marbuta mad-drittijiet fundamentali. Fl-2024, kienu fil-fatt iktar minn 900 l-kawżi ġodda li tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ċifra qrib ir-rekord tal-

920

kawża mressqa

573 proċedura għal deċiżjoni
preliminari, li minnhom

6 kienu proċeduri b'urġenza għal
deċiżjoni preliminari

**Stati Membri li minnhom
prinċipalment joriġinaw
it-talbiet**

L-Italja	98
Il-Ġermanja	66
Il-Polonja	47
L-Awstrija	39
Il-Bulgarija	38

53 rikors dirett, li minnhom
39 rikors għal nuqqas ta' twettiq
ta' obbligu u 3 rikorsi għat-"tieni
nuqqas"

277 appell minn deċiżjonijiet
tal-Qorti Ġenerali

15-il talba għal għajjnuna legali

1 talba għal opinjoni

2019 li tikkonferma t-tendenza ta' żieda osservata f'dawn l-aħħar
snin u li tenfasizza n-neċessità ta' din ir-riforma.

B'mod konkret, din ir-riforma twettqet essenzjalment bit-
trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-
Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali. Dan it-trasferiment, li beda japplika
b'effett mill-1 ta' Ottubru 2024, jirrigwarda sitt oqsma speċifiċi,
jiġifieri s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tas-
sisja, il-Kodiċi Doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija
fin-Nomenklatura Magħquda, il-kumpens u l-assistenza għal
passiġġieri fil-każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta'
dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport, u s-sistema
għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet il-kompetenza li tisma'
t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li, minkejja li jaqgħu taħt
wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma speċifiċi, ikunu jirrigwardaw
ukoll oqsma oħra jew iqajmu kwistjonijiet indipendenti ta'
interpretazzjoni tad-dritt primarju (inkluża l-Karta tad-Drittijiet
Fundamentali tal-Unjoni Ewropea), tad-dritt internazzjonali
pubbliku jew tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

Ir-riforma għandha twassal għal tnaqqis mhux negliġibbli fil-
volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-deċiżjonijiet
preliminari, kif jidher li jikkonfermaw l-ewwel stimi li jkopru
l-aħħar tliet xhur tas-sena li għaddiet.

Aspett ieħor tar-riforma huwa intiż li jħares l-effettività tal-
proċedura ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali. Sabiex
il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tikkonċentra fuq l-appelli li jqajmu
kwistjonijiet ta' liġi importanti, il-mekkaniżmu ta' ammissjoni
minn qabel tal-appelli issa jestendi, sa mill-1 ta' Settembru 2024,
għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet ta'
sitt Bordijiet tal-Appell ġodda indipendenti ta' korpi jew organi
Ewropej, li żdiedu mal-erba' Bordijiet tal-Appell inizjalment
imsemmija meta ġie introdott dan il-mekkaniżmu. Barra minn
hekk, dan il-mekkaniżmu tal-aħħar ġie estiż għall-kawżi dwar
l-eżekuzzjoni ta' kuntratti li jinkludu klawżola ta' arbitraġġ.

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż
tal-kawża tista' titlob li tibbenefika minn għajjnuna
legali.

Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha l-għan li ssaħħaħ it-trasparenza tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari u li b'hekk tippermetti komprensioni aħjar tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, minn issa 'l quddiem, l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari ser jiġu ppubblikati fis-sit internet tal-istituzzjoni, f'terminu raġonevoli wara l-għeluq tal-kawża, sakemm l-awtur ta' dawn l-osservazzjonijiet ma joġġezzjonax għal din il-pubblikazzjoni.

Minbarra l-emenda tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-implimentazzjoni tar-riforma implikat emenda tar-[Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja](#) u tar-[Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali](#), b'mod partikolari sabiex jiġu ppreċiżati l-modalitajiet tat-trattament inizjali tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-kuntest tal-“one-stop shop” u l-proċedura applikabbli għat-talbiet ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, ir-Regoli tal-Proċedura ta' din tal-aħħar jinkludu żviluppi ġodda oħra intiżi li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba matul il-kriżi sanitarja u l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà, għall-partijiet jew għar-rappreżentanti tagħhom, li jagħmlu sottomissjonijiet orali permezz ta' videokonferenza b'osservanza ta' kundizzjonijiet legali u tekniċi preċiżi, il-protezzjoni tad-data personali fl-ipproċessar tal-kawżi, il-modalitajiet tal-preżentata u tan-notifika tal-atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia, kif ukoll ix-xandir ta' ċerti seduti fuq l-internet.

Ir-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali dwar it-tressiq ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari, kif ukoll l-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, ġew adattati fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tagħha, f'Ġunju 2024, l-istituzzjoni nħasdet bil-mewt ta' Marko Ilešič (is-Slovenja), Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja sa mill-2004.

Barra minn hekk, l-Imħallef Safjan (il-Polonja), ħalla l-kariga tiegħu f'Jannar 2024 u f'Ottubru kien hemm tiġdid parzjali sinjifikattiv ħafna tal-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, bit-terminazzjoni tal-funzjonijiet ta' tmien Membri, jiġifieri l-Viċi President Bay Larsen (id-Danimarka), l-Imħallef Bonichot (Franza), l-Imħallef Prechal (il-Pajjiżi I-Baxxi), l-Imħallef Xuereb (Malta), l-Imħallef Rossi (l-Italja), l-Imħallef Wahl (l-Isvezja) u l-Avukati Ġenerali Pikamäe (l-Estonja) u Collins (l-Irlanda), kif ukoll id-dħul fil-kariga ta' disa' Membri ġodda, jiġifieri l-Imħallef Smulders (il-Pajjiżi I-Baxxi), l-Avukat Ġenerali Spielmann (il-Lussemburgu), l-Imħallfin Condinanzi (l-Italja) u Schalin (l-Isvezja), l-Avukat Ġenerali Biondi (l-Italja), l-Imħallfin Gervasoni (Franza), Fenger (id-Danimarka) u Frendo (Malta) u l-Avukat Ġenerali Norkus (il-Litwanja).

Fir-rigward tal-istatistika tas-sena li għaddiet, din turi numru kbir ħafna kemm ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (920, jiġifieri kważi mitt kawża iktar milli matul kull waħda mill-aħħar tliet snin) kif ukoll ta' kawżi magħluqa minnha (863 kawża, jiġifieri 80 iktar mis-sena preċedenti), fejn din iċ-ċifra tal-aħħar hija dovuta, fil-parti l-kbira tagħha, għar-restrizzjonijiet marbuta mat-tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'hekk, in-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024 kien ta' 1 206 kawżi. It-tul medju tal-proċeduri, meta jitqiesu t-tipi kollha ta' kawżi, kien, fl-2024, ta' 17.7 xhur.



863 kawża maqtugħa

580 proċedura għal deċiżjoni preliminari,
li minnhom **5** kienu proċeduri b'urġenza
għal deċiżjoni preliminari

53 rikors dirett, li minnhom
26 nuqqas ikkonstatat kontra
16-il Stat Membru

1 sentenza dwar it-"tieni nuqqas"

213 appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti
Ġenerali, li minnhom **48** appell li jannullaw
id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali

Tul medju tal-proċeduri: **17,7** xhur

Tul medju tal-proċeduri b'urġenza għal
deċiżjoni preliminari: **3,3** xhur

1 206

kawżi pendenti fil-31
ta' Diċembru 2024

Suġġetti ewlenin ittrattati:

Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja	141
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	137
Politika ekonomika u monetarja	103
Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet	85
Protezzjoni tal-konsumaturi	63
Ambjent	62
Tassazzjoni	61
Politika estera u ta' sigurtà komuni	57
Politika soċjali	48
Proprietà intellettwali	45



[Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti tal-Ġustizzja.](#)



Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kkostitwita minn 27 Imħallf u minn 11-il Avukat Ġenerali.

L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati proposti li jaqdu l-funzjonijiet inkwistjoni. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded.

Huma jintgħażlu minn fost personalitajiet li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, l-ogħla karigi ġudizzjarji, jew li huma ġuristi ta' kompetenza magħrufa.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jaħtru minn fosthom il-President u l-Viċi President. L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Avukati Ġenerali huma mistennija jippreżentaw, b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, opinjoni ġuridika, imsejja "konklużjonijiet", fil-kawżi li jiġu assenjati lilhom. Dawn il-konklużjonijiet ma humiex vinkolanti, imma jippermettu li tingħata ħarsa addizzjonali lejn is-suġġett tat-tilwima.

Bit-tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Ottubru 2024 daħlu fil-kariga disa' Membri ġodda, jiġifieri l-Imħallf Smulders (il-Pajjiżi l-Baxxi), l-Avukat Ġenerali Spielmann (il-Lussemburgu), l-Imħallfin Condinanzi (l-Italja) u Schalin (l-Isvezja), l-Avukat Ġenerali Biondi (l-Italja), l-Imħallfin Gervasoni (Franza), Fenger (id-Danimarka) u Frendo (Malta), u l-Avukat Ġenerali Norkus (il-Litwanja).



In memoriam

L-Imħallf Sloven Marko Ilešič miet f'Ġunju 2024, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Huwa kien l-ewwel Membru ta' din in-nazzjonalità maħtur bħala Mħallf fil-Qorti tal-Ġustizzja mal-adeżjoni tas-Slovenja mal-Unjoni Ewropea fl-2004. Irrispettat u ammirat, kemm fuq livell professjonali kif ukoll fuq livell personali, għall-kwalitajiet legali u intellettuali tiegħu u għall-għarfien lingwistiku estensiv tiegħu, kif ukoll għall-umanità kbira tiegħu, M. Ilešič ta kontribut kbir għall-iżvilupp u għall-promozzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll għat-tkattir tal-għarfien dwar il-kultura Slovena.





K. Lenaerts
President




T. von Danwitz
Viċi President



F. Biltgen
President tal-Ewwel
Awla



K. Jürimäe
Presidenta tat-Tieni
Awla



C. Lycourgos
President tat-Tielet
Awla



I. Jarukaitis
President tar-Raba'
Awla



L. Arastey Sahún
Presidenta tal-
Ħames Awla



M. Szpunar
Avukat Ġenerali
Ewlieni



S. Rodin
President tat-Tmien
Awla



A. Kumin
President tas-Sitt
Awla



N. Jääskinen
President tad-Disa'
Awla



D. Gratsias
President tal-Għaxar
Awla



M. Gavalec
President tas-Seba'
Awla



J. Kokott
Avukata Ġenerali



A. Arabadjiev
Imħallef



**M. Campos
Sánchez-Bordona**
Avukat Ġenerali



E. Regan
Imħallef



**N. J. Cardoso da
Silva Piçarra**
Imħallef



**J. Richard de la
Tour**
Avukat Ġenerali



A. Rantos
Avukat Ġenerali



I. Ziemele
Imħallef



J. Passer
Imħallef



N. Emiliou
Avukat Ġenerali



Z. Csehi
Imħallef



O. Spineanu-Matei
Imħallef



T. Čápetá
Avukata Ġenerali



L. Medina
Avukata Ġenerali



B. Smulders
Imħallef



D. Spielmann
Avukat Ġenerali



M. Condinanzi
Imħallef



F. Schalin
Imħallef



A. Biondi
Avukat Ġenerali



S. Gervasoni
Imħallef



N. Fenger
Imħallef



R. Frendo
Imħallef



R. Norkus
Avukat Ġenerali



A. Calot Escobar
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mid-9 ta' Ottubru 2024

B. Il-Qorti Ġenerali fl-2024

Il-Qorti Ġenerali tista' prinċipalment tiġi adita, fl-ewwel istanza, b'rikorsi diretti ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi (individwi, kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.), meta dawn ikunu individwalment u direttament ikkonċernati, u mill-Istati Membri kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll b'rikorsi diretti intiżi li jinkiseb il-kumpens għad-danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-membri tal-persunal tagħhom.

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell, fuq punti ta' liġi biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi li diġà jkunu bbenefikaw minn eżami doppju (minn Bord tal-Appell indipendenti, u mbagħad mill-Qorti Ġenerali), il-Qorti tal-Ġustizzja tisma' l-appell biss jekk dan l-appell iqajjem kwistjoni ta' natura sinjifikattiva għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

Mill-1 ta' Ottubru 2024, il-Qorti Ġenerali għandha wkoll kompetenza sabiex tiegħu konjizzjoni tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, ittrasferiti mill-Qorti tal-Ġustizzja, li jaqgħu esklużivament taħt wieħed jew iktar mis-sitt oqsma speċifiċi li ġejjin: is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud; id-dazji tas-sisa; il-Kodiċi Doganali; il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda; il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport; u s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-parti kbira mill-kawżi mressqa quddiemha huma ta' natura ekonomika: proprjetà intellettuali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajjuna mill-Istat u sorveljanza bankarja u finanzjarja. Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti sabiex taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku dwar tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha.



Marc van der Woude

President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali

Għall-Qorti Ġenerali, is-sena 2024 kienet sena partikolarment importanti sa fejn kienet ikkaratterizzata mid-dħul fis-seħħ tar-[Regolament 2024/2019](#) li rriforma l-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali sar effettiv fl-1 ta' Ottubru 2024.

Skont l-[Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea](#), il-Qorti Ġenerali issa għandha kompetenza sabiex tiegħu konjizzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari li jaqgħu esklużivament taħt qasam speċifiku wieħed jew iktar mis-sitta li ġejjin: is-sistema komuni tal-VAT, id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija, il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport u s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (Artikolu 50b ġdid). Bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru 2024, 19-il

786

kawża mressqa

667

rikors dirett, li minnhom:

Proprietà intellettwali

u industrijali **268**

Servizz pubbliku

tal-Unjoni Ewropea **76**

Għajnuna mill-Istat

u kompetizzjoni **33**

7

rikorsi ppreżentati

mill-Istati Membri

30

talba għal għajnuna legali

19

-il rinviu għal

deċiżjoni preliminari

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika minn għajnuna legali.

talba għal deċiżjoni preliminari kienu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment.

Internament, il-Qorti Ġenerali kellha torganizza mill-ġdid l-istruttura tagħha billi tinnomina l-għaxar Imħallfin sedenti fl-awla magħżula sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari, kif ukoll il-President tagħha, jiġifieri S. Papasavvas, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali. Għall-finijiet tal-aħjar trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti Ġenerali nnominat ukoll tliet Imħallfin imsejja sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali. Barra minn hekk, ir-Regoli tal-Proċedura tagħha issa jipprevedu l-possibbiltà li tingħata deċiżjoni, b'mod partikolari f'ċerti kawżi għal deċiżjoni preliminari, f'awla intermedja, komposta minn disa' Mħallfin.

Bl-istess mod, mill-1 ta' Settembru 2024, ġiet prevista estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' Bord tal-Appell indipendenti ta' wieħed mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni (Artikolu 58a ġdid tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, introdott ukoll bir-Regolament 2024/2019). Din il-parti tar-riforma żżid ukoll ir-responsabbiltà tal-Qorti Ġenerali sabiex tiżgura l-koerenza u l-uniformità tad-dritt fl-oqsma tad-dritt ikkonċernati.

Ir-riforma kkoinċidiet mat-tluq, fis-7 ta' Ottubru 2024, ta' ħames Membri tal-Qorti Ġenerali, li nħatru Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja. B'hekk, l-Imħallf Gervasoni, il-Presidenti ta' Awla Spielmann u Schalin, l-Imħallf Frendo u l-Imħallf Norkus telqu mill-Qorti Ġenerali. Il-Qorti Ġenerali tirringrazzjahom għall-kontribut twil u siewi tagħhom għall-ġurisprudenza tagħha. F'din l-istess data, l-Imħallfin Cassagnabère u Meyer ħadu l-ġurament bħala Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali.

Madankollu, din ir-riorganizzazzjoni maġġuri u t-tluq tal-Membri ma naqqsux l-attività ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali peress li din tal-aħħar irnexxielha, matul is-sena 2024, tagħlaq 922 kawża. Peress li matul din l-istess sena tressqu biss 786 kawża, in-numru ta' kawżi pendenti b'hekk tnaqqas. It-tul medju tal-proċeduri ta' 18.5 xhur huwa xhieda ta' ġestjoni effikaċi tal-kawżi, u għandu jiġi ppreċiżat ukoll li l-Qorti Ġenerali hija f'pożizzjoni li tirreaġixxi saħnsitra iktar malajr meta dan ikun meħtieġ mill-karatteristiċi partikolari tal-kawża. B'hekk, hija rnexxielha tagħti l-ewwel sentenza tagħha fil-qasam tas-swieq diġitali f'terminu ta' 8.2 xhur (sentenza [T-1077/23](#), *Bytedance vs Il-Kummissjoni*).

Fl-2024, 20.2 % tal-kawżi magħluqa nqatgħu minn kulleġġi ġudikanti estiżi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tkompli bl-approċċ tagħha li tiddeċiedi l-kawżi li jkollhom importanza ċerta, b'mod partikolari, għall-Istat tad-dritt, fl-Awla Manja, komposta minn 15-il Imħallef (ara l-kapitolu “Ħarsa lejn is-sentenzi ewlenin tas-sena”). F’dan il-kulleġġ solenni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet il-kawżi *Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles et vs Il-Kunsill*, *Medel et vs Il-Kunsill* u *Fridman et vs Il-Kunsill* u *Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill*.

Fid-dawl tal-kompetenza l-ġdida tagħha fil-qasam tad-deċiżjonijiet preliminari, kif ukoll tar-responsabbiltajiet ġodda tagħha b’riżultat tal-estensjoni tal-mekkaniżmu ta’ ammissjoni minn qabel tal-appelli, il-Qorti Ġenerali adottat l-għodod kollha neċessarji għal trattament effikaċi u proattiv tal-kawżi mressqa quddiemha, filwaqt li ppreparat ruħha għall-perijodu ta’ tliet snin li jmiss li ser jibda f’Ottubru 2025.



Savvas Papasavvas

Viċi President tal-Qorti
Ġenerali

Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza

Matul is-sena 2024, l-Awla Manja assumiet mill-ġdid rwol ċentrali. L-Awla Manja hija l-iktar kulleġġi ġudikanti solenni tal-Qorti Ġenerali iżda, sal-lum il-ġurnata, kien biss f’każijiet rari u minn żmien għal żmien li ntalbet tagħti deċiżjoni. Komposta minn ħmistax-il Imħallef, l-Awla Manja għandha tisma’ l-iktar kawżi importanti kif ukoll dawk li jkunu kkaratterizzati minn diffikultà legali jew ċirkustanzi partikolari (Artikolu 28(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali). B’hekk, sitt deċiżjonijiet li jiġbru flimkien diversi kawżi ngħataw minn dan il-kulleġġ ġudikanti matul is-sena li għaddiet fil-kuntest, minn naħa, tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina u, min-naħa l-oħra, tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fil-kuntest tal-pjan ta’ rkupru NextGenerationEU.

L-ewwel nett, fis-sentenzi tagħha tal-11 ta’ Settembru 2024, *Fridman et vs Il-Kunsill* u *Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill* ([T-635/22](#) u [T-644/22](#)), il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta obbligi ta’ dikjarazzjoni tal-fondi u ta’ kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi, minn naħa, u sabiex jassimila n-nuqqas ta’ osservanza ta’ dawn l-obbligi ma’ evażjoni tal-miżuri ta’ ffriżar ta’ fondi, min-naħa l-oħra.

It-tieni nett, fis-sentenzi tagħha tat-2 ta' Ottubru 2024, *Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles et vs Il-Kunsill, Ordre des avocats à la cour de Paris et Couturier vs Il-Kunsill u ACE vs Il-Kunsill* ([T-797/22](#), [T-798/22](#) u [T-828/22](#)), il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-legalità tal-projbizzjoni li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu u lill-persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti fir-Russja ([Regolament tal-Kunsill \[UE\] Nru 833/2014](#)) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina. Il-kawżi kienu jittrattaw il-kwistjoni ta' jekk kienx jeżisti dritt fundamentali ta' aċċess għal avukat, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li ma kellhom l-ebda rabta ma' proċedura ġudizzjarja. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors, iżda b'mod partikolari ppreċiżat il-portata tad-dritt għal rimedju effettiv (Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea), u tad-dritt għas-sigriet professjonali (Artikolu 7).

Fl-aħħar nett, permezz ta' digriet tal-4 ta' Ġunju 2024, *Medel et vs Il-Kunsill* ([T-530/22](#) sa [T-533/22](#)), il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha l-Kunsill approva l-evalwazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Polonja u speċifikat l-istadji importanti u l-miri li kellhom jintlaħqu minn dan l-Istat Membru sabiex il-kontribuzzjoni finanzjarja mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu fid-deċiżjoni kkontestata tkun tista' tiġi rrilaxxata. L-Awla Manja qieset li r-rikorrenti, erba' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi ta' mħallfin fil-livell internazzjonali li l-membri tagħhom kienu, bħala regola ġenerali, assoċjazzjonijiet professjonali nazzjonali, inklużi Pollakki, ma setgħux jinvokaw *locus standi*.

Dan il-momentum ġdid mogħti lill-Awla Manja ċertament ser ikompli fl-2025, sa fejn bħalissa hemm kawżi oħra pendent quddiem dan il-kulleġġ ġudikanti. Ma' dan il-momentum probabbilment ser ikun hemm riferimenti lill-Awla Intermedja, maħluqa bir-[Regolament \(UE, Euratom\) 2024/2019](#) sabiex jiġi kkompletat is-sett ta' formazzjonijiet solenni disponibbli għall-Qorti Ġenerali.

L. Nancollu



922
kawża maqtugħa

832
rikors dirett, li minnhom

Proprietà intellettwali u industrijali	276
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	98
Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea	76

Rinviju għal deċiżjoni preliminari 1

Tul medju tal-proċeduri: 18,5 xhur

Perċentwali ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell
quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja: 35 %

1 705
kawżi pendenti
(fil-31 ta' Diċembru 2024)

Suġġetti ewlenin ittrattati:

Dritt istituzzjonali	552
Proprietà intellettwali u industrijali	322
Politika ekonomika u monetarja	167
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	153
Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea	112
Miżuri restrittivi	91
Aċċess għal dokumenti	41
Agrikoltura	30
Kuntratti pubbliċi	29
Saħħa pubblika	24



[Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti Ġenerali](#)





Il-Membri tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali hija kkostitwita minn żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru.

L-Imħallfin jintgħażlu minn fost persuni li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkupaw l-ogħla karigi ġudizzjarji. Huma jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded. Huma jinnominaw minn fosthom, għal tliet snin, il-President u l-Viċi President. Huma jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

Fil-kuntest tat-trasferiment parzjali, mill-1 ta' Ottubru 2024, tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar eleġġiet lil J. Martín y Pérez de Nanclares u lil M. Brkan bħala l-Imħallfin mitluba jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari, u lil I. Gâlea bħala sostitut fil-każ ta' impediment.

F'Ottubru 2024 daħlu fil-kariga fil-Qorti Ġenerali żewġ Membri ġodda, l-Imħallfin Cassagnabère (Franza) u Meyer (il-Lussemburgu), minflok l-Imħallfin Gervasoni u Spielmann, li t-tnejn li huma nħatru Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja.





M. van der Woude
President



S. Papasavvas
Viċi President



A. Marcoulli
Presidenta tat-Tieni
Awla



R. da Silva Passos
President tar-Raba'
Awla




J. Svenningsen
President tal-Ħames
Awla



M. J. Costeira
Presidenta tas-Sitt
Awla



**K. Kowalik-
Bańczyk**
Presidenta tas-Seba'
Awla




A. Kornezov
President tat-Tmien
Awla



L. Truchot
President tad-Disa'
Awla



O. Porchia
Presidenta tal-
Għaxar Awla



R. Mastroianni
President tal-Ewwel
Awla



**P. Škvařilová-
Pelzl**
Presidenta tat-Tielet
Awla



M. Jaeger
Imħallef




H. Kanninen
Imħallef



J. Schwarcz
Imħallef



M. Kancheva
Imħallef



E. Buttigieg
Imħallef



V. Tomljenović
Imħallef



L. Madise
Imħallef



N. Póltorak
Imħallef



I. Reine
Imħallef



P. Nihoul
Imħallef



U. Öberg
Imħallef



C. Mac Eochaidh
Imħallef



G. De Baere
Imħallef



T. Pynnä
Imħallef




J. C. Laitenberger
Imħallef



**J. Martín y Pérez
de Nanclares**
Imħallef



G. Hesse
Imħallef



**M. Sampol
Pucurull**
Imħallef



M. Stancu
Imħallef



I. Nömm
Imħallef



G. Steinfatt
Imħallef



T. Perišin
Imħallef



D. Petrлік
Imħallef



M. Brkan
Imħallef



P. Zilgalvis
Imħallef



K. Kecsmár
Imħallef



I. Gâlea
Imħallef



I. Dimitrakopoulos
Imħallef



D. Kukovec
Imħallef



S. Kingston
Imħallef



T. Tóth
Imħallef



B. Ricziová
Imħallef



**E. Tichy-
Fisslberger**
Imħallef



W. Valasidis
Imħallef



S. Verschuur
Imħallef



S. L. Kalèda
Imħallef



**L. Spangsberg
Grønfeldt**
Imħallef



H. Cassagnabère
Imħallef



R. Meyer
Imħallef



V. Di Bucci
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mid-9 ta' Ottubru 2024

C. Il-ġurisprudenza fl-2024



Focus Pakkett dwar il-mobbiltà 2020: kompetizzjoni ġusta u titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għal settur tat-toroq iktar sigur, sostenibbli u ġust

Sentenza *Il-Litwanja et vs Il-Parlament u Il-Kunsill* tal-4 ta' Ottubru 2024
([C-541/20](#) sa [C-555/20](#))

Pakkett dwar il-mobbiltà 2020

Fl-2020, l-Unjoni Ewropea adottat sett ta' riformi fis-settur tat-trasport bit-triq sabiex jintlaħqu żewġ għanijiet ewlenin:

1. It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera:

- billi jiġi pprojbit li l-mistrieħ ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vetturi;
- billi jiġu żgurati ritorni regolari fil-post ta' residenza jew fiċ-ċentru operattiv (kull tlieta jew erba' ġimgħat) sabiex iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ tagħhom hemmhekk;
- billi tmexxiet 'il quddiem id-data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligu li jiġu installati takografi intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni.

2. L-istabbiliment ta' kompetizzjoni ġusta:

- billi jiġi impost ir-ritorn tal-vetturi f'ċentru operattiv li jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport kull tmien ġimgħat;
- billi jiġi introdott perijodu ta' stennija ta' erbat ijiem wara ċiklu ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti (li matulu l-operaturi tat-trasport mhux residenti ma jitħallewx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bl-istess vettura f'dan l-Istat Membru);
- billi x-xufiera jiġu kklassifikati bħala "ħaddiema kkollokati" f'ċerti każijiet speċifiċi b'tali mod li jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u mir-remunerazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti.

Il-kabotaġġ huwa t-trasport imwettaq ġewwa Stat Membru minn operatur tat-trasport mhux stabbilit f'dan l-Istat Membru. Il-kabotaġġ huwa permess sakemm ma jitwettaqx b'mod li tinholq attività permanenti fl-imsemmi Stat Membru.

It-takografu intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni huwa apparat elettroniku li jirreġistra l-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perijodi ta' mistrieħ tax-xufiera. Dan jgħin sabiex jiġu żgurati s-sigurtà fit-toroq, l-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera u l-prevenzjoni tal-frodi.

Il-Pakkett dwar il-mobbiltà huwa kkostitwit minn tliet atti leġislattivi li jikkonċernaw is-sistema legali tat-trasport bit-triq. Din ir-riforma ambizzjuża ħolqot dibattiti intensi li wasslu għal sensiela ta' azzjonijiet legali. B'hekk, seba' Stati Membri – il-Litwanja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, Ċipru, l-Ungerija, Malta u l-Polonja – ippreżentaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ħmistax-il rikors għall-annullament ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Pakkett dwar il-mobbiltà.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tal-parti l-kbira ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Filwaqt li rrikonoxxiet li t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera jista' jwassal għal żieda fl-ispejjeż għall-impriżi tat-trasport, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dawn ir-regoli, applikabbli mingħajr distinzjoni fl-Unjoni kollha, ma jiddiskriminawx kontra l-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu "fil-periferija tal-Unjoni". L-eventwali impatt ikbar ta' dawn ir-regoli fuq ċerti impriżi kien jiddependi mill-għażla ekonomika tagħhom li jipprovdu s-servizzi tagħhom lil riċevituri li jinsabu fi Stati Membri mbiegħda mill-post ta' stabbiliment tagħhom stess.

Fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala "ħaddiema kkollokati" (li tippermetti lix-xufiera jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u mir-remunerazzjoni minima tal-Istat Membru ospitanti, iktar milli dawk, possibbilment inqas favorevoli, tal-Istat ta' stabbiliment tal-operatur tat-trasport), din hija miżura intiża li **tiggarantixxi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u li tiġġieled kontra l-prattiki ta' kompetizzjoni żleali**. Dan l-iżvilupp, għalkemm ta' benefiċċju għall-impjegati, wassal għal dibattiti fost l-Istati Membri li wħud minnhom, b'mod partikolari dawk bi spejjeż baxxi tal-pagi, kienu qegħdin jibzġu minn żieda fl-ispejjeż għall-impriżi tagħhom u mill-kumplessità amministrattiva tar-regoli l-ġodda. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din il-miżura meħuda mil-leġislatur tal-Unjoni bil-għan li jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi interessi inkwistjoni.

Fir-rigward tal-obbligu li jiġi osservat perijodu ta' stennija ta' erbat ijiem wara ċiklu ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan huwa intiż li jipproteġi lill-impriżi lokali u li jipprevjeni kompetizzjoni żleali, billi jevita li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ repetuti effettivament iwasslu għal attività permanenti fl-Istat Membru ospitanti. Uħud mill-Istati Membri kkontestaw dan l-obbligu peress li jillimita l-flessibbiltà tal-impriżi billi jobbligahom jaġġustaw ir-rotot tagħhom sabiex jevitaw perjodi ta' inattività li jwasslu għal telf ta' dħul. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dawn l-argumenti billi enfasizzat li l-miżura sempliċement tipprojbixxi, matul dan il-perijodu, l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti, u li dan ma jipprekludix it-twettiq ta' operazzjonijiet oħra ta' trasport internazzjonali jew ta' kabotaġġ fi Stati Membri oħra.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat l-obbligu, għall-vetturi, li jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport kull tmien ġimgħat. Hija ddeċidiet li l-Parlament u l-Kunsill ma kinux urew li kellhom biżżejjed elementi sabiex jevalwaw il-proporzjonalità ta' din il-miżura u r-riperkussjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi tagħha.

Focus Produzzjoni organika u ttikkettjar ta' prodotti organiċi

Sentenza Herbaria Kräuterparadies II (C-240/23)

Il-kumpannija Ġermaniża Herbaria kienet tipproduċi x-xarba “Blutquick”, ikkummerċjalizzata bħala suppliment tal-ikel. Din ix-xarba kien fiha ingredjenti miksuba mill-produzzjoni organika, kif ukoll vitamini mhux veġetali u glukonat tal-ħadid. L-imballaġġ ta' din ix-xarba kellu fuqu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni u riferiment għall-“biedja organika kkontrollata”.

F'Jannar 2012, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu pprojbixxew lil Herbaria milli tirreferi għall-produzzjoni organika protetta peress li d-dritt tal-Unjoni jippermetti li jiġdiedu vitamini u minerali ma' prodotti pproċessati li jkollhom it-terminu “organiku” fil-każ biss li l-użu tagħhom ikun legalment meħtieġ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'talba għal deċiżjoni preliminari fil-kuntest tal-ewwel kawża (Kawża [C-137/13](#)), kienet iddeċidiet li l-użu ta' dawn is-sustanzi għandu jitqies li huwa legalment meħtieġ biss jekk regola tal-Unjoni jew regola nazzjonali konformi teżiġi direttament iż-żieda tagħhom fi prodott tal-ikel sabiex dan ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat. Peress li l-każ tal-vitamini u tal-glukonat tal-ħadid miżjuda mal-“Blutquick” ma kienx jissodisfa dan ir-rekwiżit, ir-rikors ta' Herbaria kien ġie miċħud mill-qorti Ġermaniża li kienet għamlet ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-kawża mbagħad tressqet quddiem il-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża, fejn Herbaria ma baqgħetx tikkontesta l-projbizzjoni tal-indikazzjoni tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, iżda invokat inugwaljanza fit-trattament bejn il-prodott tagħha u prodott simili importat mill-Istati Uniti tal-Amerika.

Fil-fatt, l-Istati Uniti huma rrikonoxxuti mid-dritt Ewropew bħala **pajjiż terz li r-regoli ta' produzzjoni u ta' kontroll** tiegħu huma **ekwivalenti** għal dawk tal-Unjoni Ewropea. Skont Herbaria, dan kien jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti li jikkonformaw mar-regoli ta' produzzjoni tagħhom bħala prodotti organiċi. Din is-sitwazzjoni kienet twassal, fil-fehma tagħha, għal inugwaljanza fit-trattament peress li l-prodotti kompetituri Amerikani setgħu jużaw il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni mingħajr ma josservaw ir-regoli tal-produzzjoni organika applikabbli fi ħdan l-Unjoni.

Il-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti qieset li **huma biss il-prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta' prodotti organiċi li jistgħu jużaw il-logo organiku tal-Unjoni**. Għalhekk, dan il-logo ma jistax jintuża għal prodotti mmanifatturati f'pajjiż terz skont regoli li huma biss ekwivalenti għal dawk previsti fid-dritt tal-Unjoni. Din il-projbizzjoni tapplika wkoll għall-użu ta' termini li jirreferu għal din il-produzzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li jekk jiġi permess l-użu ta' dan il-logo u ta' dawn it-termini kemm għal prodotti – immanifatturati jew fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi – konformi mal-istandards Ewropej ta' produzzjoni organika kif

ukoll għal prodotti mmanifatturati f'pajjiżi terzi skont standards li huma biss ekwivalenti għal dawk Ewropej, dan jippreġudika l-kompetizzjoni leali fi ħdan is-suq intern. Barra minn hekk, dan jista' jqarraq bil-konsumaturi, filwaqt li r-raġuni wara l-logo hija li l-konsumaturi jiġu informati b'mod ċar u mhux ambigwu li l-prodott ikun kompletament konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-logo ta' produzzjoni organika tal-pajjiżi terzi jista' jintuża għal prodotti mmanifatturati f'dan il-pajjiż, anki meta jkun fih termini li jirreferu għall-produzzjoni organika.

Il-logo organiku tal-Unjoni Ewropea

Il-[logo organiku tal-Unjoni Ewropea](#) jagħti identità viżiva koerenti lill-prodotti organiċi tal-Unjoni. Dan jagħmilha iktar faċli għall-konsumaturi jidentifikaw il-prodotti organiċi u jgħin lill-bdiewa jikkummerċjalizzawhom fl-Istati Membri kollha.

Il-logo organiku huwa rriżervat għall-prodotti ċċertifikati bħala organiċi minn organizzazzjoni approvata li tiżgura standards stretti ta' produzzjoni, ta' pproċessar, ta' trasport u ta' ħażna. Prodott jista' jkollu fuqu l-logo organiku biss jekk ikun fih mill-inqas 95 % ta' ingredjenti organiċi, u dan biss jekk il-5 % l-oħra jkunu konformi ma' kundizzjonijiet stretti. L-istess ingredjent ma jistax ikun preżenti f'forma organika u mhux organika.



Ir-Regolament 2018/848

Ir-[Regolament 2018/848, dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta' prodotti organiċi](#), huwa intiż li jggarantixxi kompetizzjoni leali, il-funzjonament tajjeb tas-suq intern f'dan is-settur u l-fiduċja tal-konsumaturi fil-prodotti ttikkettati bħala prodotti organiċi.

Huwa jistabbilixxi regoli ġenerali u ddettaljati dwar il-produzzjoni. Fil-qasam tat-tikkettjar, dan ir-regolament jeżiġi l-osservanza ta' regoli dwar l-informazzjoni għall-konsumatur, b'mod partikolari sabiex jiġu evitati l-konfużjoni jew il-qerq. Huwa jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettjar ta' prodotti organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni, sabiex jiġu protetti kemm l-interessi tal-operaturi – li jkunu jixtiequ jaraw li l-prodotti tagħhom jiġu identifikati b'mod korrett u jibbenefikaw minn kompetizzjoni ġusta – kif ukoll l-interessi tal-konsumaturi.

Sentenzi oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prodotti organiċi

Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, *Kamin und Grill Shop* (C-289/16)

Skont ir-[Regolament Nru 834/2007, dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta' prodotti organiċi](#), operatur li jikkummerċjalizza prodotti organiċi huwa obligat jissuġġetta l-impriża tiegħu għal sistema ta' kontroll. L-operaturi li jbigħu prodotti direttament lill-konsumatur jew lill-utent finali jistgħu jiġu eżentati minn dan l-obbligu taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa neċessarju li l-bejgħ isir fil-preżenza kemm tal-operatur jew tal-persunal tiegħu inkarigat mill-bejgħ kif ukoll tal-konsumatur finali. Għalhekk, l-operaturi li jikkummerċjalizzaw dawn il-prodotti online ma jistgħux jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni.

Sentenza tas-26 ta' Frar 2019, *Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs* (C-497/17)

Ir-Regolament Nru 834/2007 ma jawtorizzax it-tqegħid tal-logo organiku tal-Unjoni fuq prodotti li joriġinaw minn annimali li kienu s-suġġett ta' qatla ritwali mingħajr sturdament minn qabel, imwettaq fil-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Nru 1099/2009, dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-mument tal-qatla tagħhom.

Sentenza tad-29 ta' April 2021, *Natumi* (C-815/19)

Ir-Regolament Nru 889/2008, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 834/2007, jipprekludi l-użu ta' trab miksub minn sedimenti tal-alka *Lithothamnium calcareum* mnaddfa, imnixxfa u mitħuna, bħala ingredjent mhux organiku ta' orġini agrikola fl-ipproċessar ta' prodotti tal-ikel organiċi bħalma huma x-xarbiet organiċi (b'mod partikolari xarbiet organiċi abbażi tar-ross u tas-soja) għall-finijiet tat-tiżni tagħhom bil-kalċju.





Focus Access pubbliku għall-kuntratti tax-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19

Sentenzi *Auken et vs Il-Kummissjoni* u *Courtois et vs Il-Kummissjoni* ([T-689/21](#) u [T-761/21](#))

F'Ġunju 2020, l-Unjoni Ewropea nediet l-istrategġija tagħha għall-akkwist tal-vaċċini kontra l-COVID-19. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ffirmat ftehim mas-27 Stat Membru li kien jawtorizzaha tikkonkludi f'isimhom kuntratti ta' xiri bil-quddiem mal-manifatturi.

Peress li l-użu bikri tat-tilqim kien fl-interess tas-saħħa pubblika, iż-żmien għall-iżvilupp tal-vaċċini mill-kumpanniji farmaċewtiċi tqassar. Sabiex jikkompensaw għar-riskji mġarrba minn dawn il-kumpanniji, fl-istrategġija tat-tilqim tagħhom il-Kummissjoni u l-Istati Membri inkludew il-prinċipju ta' kondiżjoni tar-riskji bejn il-manifatturi u l-Istati Membri, u b'hekk naqqsu r-responsabbiltà tal-manifattur fil-każ ta' effetti mhux mixtieqa tal-prodott tiegħu.

Il-verżjonijiet tal-kuntratti ppubblikati kienu ġew redatti, filwaqt li tħalliet barra informazzjoni dwar ir-riskji finanzjarji, id-donazzjonijiet jew il-bejgħ mill-ġdid, kif ukoll dwar id-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interessi

Fl-2021, ċittadini u Membri tal-Parlament Ewropew ikkontestaw ir-rifjut parzjali tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdha aċċess sħiħ għal ċerti dokumenti relatati mal-kuntratti ta' xiri ta' vaċċini tal-2020. It-talbiet għal aċċess kienu jirrigwardaw il-klawżoli ta' kumpens għall-impriża farmaċewtiċi. Skont dawn il-klawżoli, il-laboratorji kellhom jikkompensaw lill-vittmi fil-każ ta' nuqqas marbut ma' nuqqas intenzjonali jew nuqqas serju matul il-manifattura, filwaqt li, fil-każijiet l-oħra, din ir-responsabbiltà kienet taqa' fuq l-Istati Membri.

Iċ-ċittadini u l-Membri tal-Parlament Ewropew talbu wkoll aċċess għad-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interessi tal-membri tat-tim tan-negozjati għax-xiri tal-vaċċini. Huma xtaqu jitfgħu dawl fuq il-mod kif twettqu n-negozjati, b'mod partikolari dwar kuntratt kbir konkluż f' Mejju 2021 għax-xiri ta' 1.8 biljun dożijiet ta' vaċċin addizzjonali għal ammont ta' EUR 35 biljun.

Il-Kummissjoni kienet tat biss aċċess parzjali għal dawn id-dokumenti u kienet ippubblikat verżjonijiet redatti tagħhom, filwaqt li invokat il-kunfidenzjalità tan-negozju u l-protezzjoni tal-ħajja privata.

Adita b'żewġ rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali annullathom parzjalment.

Fir-rigward tat-talba għal aċċess usa' għall-**klawżoli ta' kumpens**, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-raġuni għall-integrazzjoni tagħhom fil-kuntratti – jiġifieri li jiġu kkompensati r-riskji mġarrba mill-impriża farmaċewtiċi marbuta mat-tqassir tal-perijodu għall-iżvilupp tal-vaċċini – kienet ġiet approvata mill-Istati Membri u kienet taqa' taħt id-dominju pubbliku. Hija ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx uriet kif aċċess usa' għal dawn il-klawżoli, għal ċerti definizzjonijiet preżenti fil-kuntratti (bħalma kienu dawk ta' "nuqqas intenzjonali" u tal-"isforzi

raġonevoli kollha possibbli”) kif ukoll għad-dispożizzjonijiet dwar id-donazzjonijiet u l-bejgħ mill-ġdid tat-tilqim, kien ser jippreġudika konkretament l-interessi kummerċjali tal-impriżi farmaċewtiċi inkwistjoni.

Fir-rigward tat-talba dwar l-iżvelar – fid-dikjarazzjonijiet ta’ nuqqas ta’ kunflitt ta’ interessi – tal-**identità tal-membri tat-tim tan-negożjati**, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li din kellha għan ta’ interess pubbliku. Fil-fatt, kien biss l-iżvelar ta’ din l-identità li seta’ jippermetti li tiġi vverifikata l-assenza ta’ sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interessi fir-rigward tal-membri tat-tim tan-negożjati. Issa, din it-trasparenza tal-proċess tan-negożjati tal-kuntratti ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-istrategġija tat-tilqim tal-Kummissjoni u tgħin fil-ġlieda kontra t-tixrid ta’ informazzjoni falza. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx ibbilanċjat b’mod korrett l-interessi inkwistjoni, marbuta mal-assenza ta’ kunflitt ta’ interessi u mar-riskju ta’ preġudizzju għall-ħajja privata.

Aċċess pubbliku għal dokumenti: element ewlieni tat-trasparenza

Ir-[Regolament \(KE\) Nru 1049/2001](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa intiż li jagħti lill-pubbliku l-iktar dritt ta’ aċċess wiesa’ possibbli għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. L-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ it-trasparenza, il-leġittimità u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet.

Madankollu, dan id-dritt ma huwiex assolut. Dan id-dritt huwa suġġett għal eċċezzjonijiet sabiex jiġu protetti ċerti interessi pubbliċi jew privati, bħalma huma s-sigurtà pubblika, il-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet interni u tal-pariri legali, l-interessi finanzjarji, ekonomiċi jew kummerċjali, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali.

L-istituzzjonijiet għandhom jirrikonċiljaw it-trasparenza u l-protezzjoni ta’ dawn l-interessi, billi jevalwaw f’kull każ jekk l-iżvelar ikunx ser ikun ta’ ħsara għalihom. L-iżvelar jista’ finalment ikun meħtieġ jekk jintwera interess pubbliku superjuri.

Fil-każ ta’ rifjut ta’ aċċess, l-applikant jista’ jitlob eżami mill-ġdid mill-istituzzjoni kkonċernata, u mbagħad – fil-każ ta’ rifjut ġdid – jista’ jirreferi l-kwistjoni lill-Ombudsman Ewropew jew jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Uħud mill-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ġenerali u mill-Qorti tal-Ġustizzja

Fis-sentenza *De Capitani vs Il-Parlament* ([T-540/15](#)), il-Qorti Ġenerali qieset li huwa biss f’każijiet debitament iġġustifikati li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jirrifjutaw l-aċċess għal ċerti dokumenti li jagħmlu parti mill-proċess leġiżlattiv.

L-istituzzjoni jew il-korp li jirrifjutaw l-aċċess għandhom juru kif dan ikun ser jikkomprometti b’mod “konkret, effettiv u raġonevolment prevedibbli” l-interess protett minn waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 1049/2001. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *ClientEarth vs Il-Kummissjoni* ([C-57/16 P](#)), preġudizzju ipotetiku jew vag ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika tali rifjut.

Il-kwistjoni tal-aċċess għan-noti ppreżentati minn Stat Membru jew minn istituzzjoni fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ġiet indirizzata f'diversi sentenzi notevoli. Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Breyer* ([C-213/15 P](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li n-noti ta' Stat Membru, miżmuma mill-Kummissjoni, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001. Għalkemm il-kunfidenzjalità ta' dawn in-noti għandha titħares matul il-proċedura ġudizzjarja, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr raġuni oħra, tirrifjuta li tagħti aċċess għalihom wara l-għeluq tal-proċedura.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà stabbilixxiet din il-preżunzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' żvelar matul il-proċedura ġudizzjarja fis-sentenza *L-Isvezja et vs API u Il-Kummissjoni* ([C-514/07 P](#), [C-528/07 P](#) u [C-532/07 P](#)) għan-noti ppreżentati minn istituzzjoni tal-Unjoni. Madankollu, ladarba l-proċedura tingħalaq, kull talba għal aċċess għandha tiġi evalwata każ b'każ biex jiġi vverifikat jekk japplikawx l-eċċezzjonijiet tar-Regolament.







Focus Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

Sentenzi *Mazepin vs Il-Kunsill* tal-20 ta' Marzu 2024 ([T-743/22](#)); *Fridman et vs Il-Kunsill* u *Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill* tal-11 ta' Settembru 2024 ([T-635/22](#) u [T-644/22](#)); *NSD vs Il-Kunsill* tal-11 ta' Settembru 2024 ([T-494/22](#))

Il-miżuri restrittivi, jew “sanzjonijiet”, huma għodda ewlenija tal-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' ffriżar tal-assi, ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni jew ta' sanzjonijiet ekonomiċi. L-għan tagħhom huwa li jiddefendu l-valuri fundamentali, l-interessi essenzjali u s-sigurtà tal-Unjoni, billi jagħmlu pressjoni fuq il-persuni jew l-entitajiet fil-mira, inklużi gvernijiet ta' pajjiżi terzi, sabiex ibiddlu l-politika jew l-imġiba tagħhom.

L-azzjonijiet li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina meħuda mir-Russja sa mill-2014 u, b'mod partikolari, il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukraina li bdiet fl-2022, intensifikaw is-sanzjonijiet tal-Unjoni kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi li jappoġġaw lill-Gvern Russu. Peress li tqajmu kontestazzjonijiet dwar il-leġittimità u l-portata tagħhom, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill f'dan il-qasam kienu s-suġġett ta' għexieren ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Dawn il-kawżi jirriflettu eżerċizzju ta' konċiljazzjoni bejn is-severità tas-sanzjonijiet imposti, meħtieġa għall-effettività tagħhom, u l-protezzjoni tad-drittijiet individwali. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat is-setgħat wiesgħa tal-Unjoni sabiex taġixxi kontra l-appoġġ ekonomiku u materjali tal-Gvern Russu, filwaqt li eżiġiet provi u ġustifikazzjoni soda għall-miżuri adottati.

Sentenza *NSD vs Il-Kunsill* ([T-494/22](#))

Il-Qorti Ġenerali **kkonfermat** is-sanzjonijiet imposti fuq il-kumpannija Russa National Settlement Depository (NSD). Meqjusa mill-Kunsill bħala essenzjali fis-sistema finanzjarja fir-Russja, din il-kumpannija kienet tipprovdi appoġġ materjali u finanzjarju kemm lill-Gvern kif ukoll lill-Bank Ċentrali Russu.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, bħala istituzzjoni finanzjarja ta' importanza sistemika, NSD kienet tiffaċilita l-mobilizzazzjoni mill-Gvern Russu ta' riżorsi kunsiderevoli, użati għal azzjonijiet ta' destabilizzazzjoni tal-Ukraina. Hija ċaħdet ukoll l-argumenti ta' NSD fis-sens li l-miżuri restrittivi kienu wasslu għall-iffriżar ta' fondi li kienu jappartjenu lil klijenti li ma kinux suġġetti għas-sanzjonijiet, filwaqt li enfasizzat li dawn tal-aħħar setgħu jadixxu lill-qrati nazzjonali sabiex jikkontestaw ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom, bħala effett kollaterali tal-miżuri applikati kontra NSD.

Sentenza *Mazepin vs Il-Kunsill* (T-743/22)

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea **annullat** iż-żamma ta' Nikita Mazepin, ex pilota tal-Formula 1, fil-lista tal-persuni suġġetti għas-sanzjonijiet. L-isem tiegħu kien ġie inkluż mill-Kunsill minħabba l-assoċjazzjoni ma' missieru, Dmitry Mazepin, negozjant ewlieni li l-attività tiegħu kienet tiġġenera dħul sostanzjali għall-Gvern Russu u li allegatament kien l-isponsor prinċipali tal-attivitàjiet ta' ibnu bħala pilota tat-tlielaq fi ħdan it-tim Haas.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-assoċjazzjoni bejn Dmitry Mazepin u ibnu ma kinitx stabbilita b'mod suffiċjenti, filwaqt li rrilevat b'mod partikolari li dan tal-aħħar ma kienx għadu pilota tat-tlielaq fi ħdan it-tim inkwistjoni fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li s-sempliċi relazzjoni familjali ma kinitx biżżejjed, bħala tali, sabiex tipprowa interessi komuni ta' natura li jiġġustifikaw iż-żamma tas-sanzjonijiet fir-rigward ta' Nikita Mazepin.

Sentenzi *Fridman et vs Il-Kunsill* u *Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill* (T-635/22 u T-644/22)

Il-Qorti Ġenerali **kkonfermat** l-obbligu għall-persuni u għall-entitajiet issanzjonati li jiddikjaraw il-fondi tagħhom u li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi evitata l-evalazzjoni tal-iffriżar ta' fondi permezz ta' arranġamenti legali u finanzjarji. Dawn l-obbligi, stabbiliti mill-Kunsill, tqiesu li huma meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-uniformità tas-sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll il-kontestazzjonijiet fis-sens li l-Kunsill eżerċita kompetenzi kriminali rriżervati għall-Istati Membri, filwaqt li qieset li dawn il-miżuri ma humiex ta' natura kriminali u li l-adozzjoni tagħhom tosserva l-qafas kollu previst fid-dritt tal-Unjoni.

Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kontra r-Russja

Sa minn Marzu 2014, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi mmirati fuq ir-Russja b'reazzjoni b'mod partikolari għall-annessjoni illegali tal-Krimea (2014) u għall-aggressjoni militari kontra l-Ukraina (2022).

Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jdgħajfu l-bażi ekonomika tar-Russja, billi jċaħħduha minn teknoloġiji u minn swieq kritiċi u billi jnaqqsu b'mod sinjifikattiv il-kapaċità tagħha għall-gwerra. L-Unjoni adottat ukoll sanzjonijiet kontra l-Bjelorussja, l-Iran u l-Korea ta' Fuq b'reazzjoni għall-appoġġ tagħhom għar-Russja fil-gwerra kontra l-Ukraina.

Iktar minn 2 300 persuna u entità (banek, partiti politiċi, kumpanniji, gruppi paramilitari) huma fil-mira tas-sanzjonijiet. Dawn is-sanzjonijiet jinkludu:

- il-projbizzjoni ta' dħul fl-Unjoni Ewropea;
- l-iffriżar tal-assi;
- l-imblukkar tal-fondi.

Il-Kunsill jistma l-valur tal-assi privati ffriżati fl-Unjoni għal EUR 24.9 biljuni. L-assi tal-Bank Ċentrali tar-Russja mblukkati fl-Unjoni jammontaw għal EUR 210 biljuni.

Il-miżuri restrittivi, imposti skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill, huma s-suġġett ta' **kontroll kontinwu**. Dawn il-miżuri jiġu mġedda, jew jiġu emendati, kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħhom ma jkunux intlaħqu.



Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena

Drittijiet fundamentali

L-Unjoni Ewropea tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari permezz tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li telenka d-drittijiet individwali, ċiviċi, politiċi, ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini Ewropej. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huwa wieħed mill-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u huwa obbligu essenzjali fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-programmi tagħha.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – regoli vinkolanti b'impatt reali



Ara l-video fuq YouTube



Fl-2022, b'reazzjoni għall-intensifikazzjoni tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta sanzjonijiet sabiex jagħmel pressjoni fuq ir-Russja. Dawn il-miżuri kienu jinkludu projbizzjoni fuq il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu u lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Avukati Belġjani u Franċiżi talbu lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tannulla din il-projbizzjoni. Fil-fehma tagħhom, din tal-aħħar kienet qiegħda tikser id-drittijiet fundamentali li jiggarantixxu l-aċċess għall-pariri legali ta' avukat. Il-Qorti Ġenerali fakkret id-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li jinkludi d-dritt li wieħed jingħata parir u li jiġi rrappreżentat minn avukat fil-kuntest ta' kawża attwali jew probabbli. Madankollu, hija rrilevat li l-projbizzjoni kkontestata ma kinitx tikkonċerna s-servizzi ta' konsulenza legali marbuta ma' proċedura ġudizzjarja u lanqas dawk ipprovduti lil persuni fiżiċi. Hija għaldaqstant ċaħdet ir-rikorsi.



Sentenzi *Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles et vs Il-Kunsill*, *Ordre des avocats à la Cour de Paris et Couturier vs Il-Kunsill* u *ACE vs Il-Kunsill* tat-2 ta' Ottubru 2024 ([T-797/22](#), [T-798/22](#) u [T-828/22](#))

Fl-2006, il-gazzetta *Le Monde* ppubblikat artiklu li kien jorbot lill-klabb tal-futbol ta' Real Madrid ma' xnigħat ta' doping. Ikkundannata fi Spanja għal malafama, din il-gazzetta kkontestat l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza fi Franza, f'isem il-libertà tal-istampa. Adita f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi jista' jkun limitat jekk jikser b'mod manifest id-drittijiet fundamentali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sanzjonijiet sproporzjonati kontra l-mezzi tax-xandir, bħalma huma danni eċċessivi, jirriskjaw li jiskoraġġixxu lill-istampa milli tkopri suġġetti ta' interess pubbliku, li huwa inkompatibbli mal-valuri demokratiċi tal-Unjoni Ewropea.



Sentenza *Real Madrid Club de Fútbol* tal-4 ta' Ottubru 2024 ([C-633/22](#))

Data personali

L-Unjoni Ewropea għandha leġiżlazzjoni ddettaljata dwar il-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar u ż-żamma ta' din id-data għandhom jikkorrispondu mal-kundizzjonijiet ta' legalità previsti fil-leġiżlazzjoni, għandhom ikunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju u ma għandhomx jippreġudikaw sproporzjonatament id-dritt għall-ħajja privata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dinja diġitali



[Ara l-video fuq YouTube](#)



Ċittadin Ġermaniż ikkontesta quddiem qorti Ġermaniża r-rifjut tal-belt ta' Wiesbaden li toħroġlu karta tal-identità ġdida mingħajr il-marki tas-swaba' tiegħu. Il-qorti Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika l-validità tar-Regolament Ewropew li jipprevedi l-obbligu li jiddaħħlu żewġ marki tas-swaba' fil-karti tal-identità. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-obbligu, iġġustifikat mill-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti foloz u s-serq tal-identità, huwa kompatibbli mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali. Madankollu, hija invalidat ir-Regolament, adottat fuq bażi legali żbaljata, filwaqt li żammet l-effetti tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2026 sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' test ġdid. Fil-fatt, ir-Regolament kien ibbażat, b'mod żbaljat, fuq l-Artikolu 21(2) TFUE (il-moviment liberu taċ-ċittadini), minflok fuq l-Artikolu 77(3) TFUE (l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja), li jeżiġi l-unanimità fil-Kunsill.



Sentenza *Landeshauptstadt Wiesbaden* tal-21 ta' Marzu 2024 ([C-61/22](#))

Persuna kienet is-suġġett ta' iskrizzjoni fir-reġistru tal-pulizija tal-Bulgarija fil-kuntest ta' proċedura istruttoria minħabba xhieda falza. Wara li ġiet ikkundannata għal piena ta' probation ta' sena u wara li skontat din il-piena, hija talbet li titħassar mir-reġistru. Skont id-dritt Bulgaru, id-data li tikkonċernaha kellha tinżamm f'dan ir-reġistru mingħajr ebda limitazzjoni ta' żmien, ħlief għall-mewt ta' din il-persuna. Il-Qorti Amministrattiva Suprema Bulgara staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni. Din tal-aħħar irrispondiet li ż-żamma ġenerali u mingħajr distinzjoni, sal-mewt tagħhom, tad-data bijometrika u ġenetika tal-persuni kkundannati kriminalment tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprevedi l-obbligu, għall-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, li jivverifika regolarment jekk din iż-żamma tibqax neċessarja u li jippermetti lis-suġġett tad-data jitlob it-tħassir tad-data tiegħu jekk dan ma jkunx għadu l-każ.



Sentenza *Direktor na Glavna direksia "Natsionalna politsia" pri MVR - Sofia*, tat-30 ta' Jannar 2024 ([C-118/22](#))

F'żewġ sentenzi separati, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet kjarifiki kruċjali dwar is-setgħat investigattivi tal-awtoritajiet.

F'kawża li kienet tikkonċerna digriet Franċiż intiż li jipproteġi x-xogħlijiet koperti minn drittijiet tal-awtur jew minn drittijiet relatati kontra l-ksur imwettaq fuq l-internet, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq il-fornituri ta' aċċess għall-internet obbligu li jżommu b'mod ġeneralizzat u mingħajr distinzjoni l-indirizzi IP sabiex l-awtorità pubblika kompetenti tkun tista' tidentifika l-persuna ssuspettata li tkun wettqet reat kriminali. Madankollu, din iż-żamma ma għandhiex tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tas-suġġett tad-data. Sabiex jintlaħaq tali riżultat, il-modalitajiet ta' żamma għandhom jiggarrantixxu separazzjoni effettivament stretta tal-kategoriji differenti ta' data miżmuma. F'sitwazzjonijiet barra minn normal, fejn il-karatteristiċi speċifiċi ta' proċedura nazzjonali jistgħu, permezz tal-konnessjoni tad-data u tal-informazzjoni miġbura, jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tas-suġġett tad-data, l-aċċess għandu jkun suġġett għal kontroll minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti.



Sentenza *La Quadrature du Net II* tat-30 ta' April 2024 ([C-470/21](#))

F'kawża Awstrijaka, il-pulizija kienet ippruvat tiftaħ il-mobile tad-destinatarju ta' pakkett li kien fih il-kannabis. Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar il-validità ta' din l-investigazzjoni fid-dawl ta' direttiva dwar il-protezzjoni tad-data personali użata mill-pulizija u mill-awtoritajiet ġudizzjarji. Hija ppreċiżat li l-aċċess għad-data li tinsab f'mobile ma huwiex neċessarjament limitat għall-ġlieda kontra l-kriminalità gravi. Fil-fatt, li kieku dan ma kienx il-każ, kien jinħoloq riskju ta' impunità għal reati kriminali b'mod ġenerali u għalhekk riskju għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Unjoni. Tali aċċess, li jikkostitwixxi ndħil gravi fid-drittijiet tas-suġġetti tad-data għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom, jeħtieġ, madankollu, awtorizzazzjoni minn qabel minn qorti jew minn awtorità indipendenti u għandu jkun proporzjonat. Barra minn hekk, il-leġiżlatur nazzjonali għandu jiddefinixxi l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għal tali aċċess, bħalma huma n-natura tar-reati kkonċernati, u l-proprjetarju tal-mobile għandu jiġi informat hekk kif dan ma jkunx għadu jista' jikkomprometti l-investigazzjoni.



Sentenza *Bezirkshauptmannschaft Landeck* tal-4 ta' Ottubru 2024 ([C-548/21](#))

Ugwaljanza fit-trattament u dritt industrijali

FI-Unjoni Ewropea hemm kważi 200 miljun ħaddiem. Għalhekk, għadd kbir ta' ċittadini jibbenefikaw direttament mid-dispożizzjonijiet tad-dritt industrijali Ewropew li jistabbilixxu standards minimi fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjeg u b'hekk jikkompletaw il-politiki mħaddna mill-Istati Membri.

Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija ta' trattament ugwali u ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi



[Ara l-video fuq YouTube](#)



Wara li rriżenja sabiex jirtira kmieni, impjegat pubbliku tal-Comune di Copertino (l-Italja) talab il-ħlas ta' kumpens finanzjarju għall-ġranet ta' leave mhux meħuda tiegħu. Madankollu, il-leġiżlazzjoni Taljana kienet teskludi dan id-dritt għall-ħaddiema fis-settur pubbliku. Il-Qorti tal-Ġustizzja, b'risposta għal domanda dwar l-interpretazzjoni tad-[Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol](#), ikkonfermat li ħaddiem għandu dritt għal kumpens finanzjarju jekk huwa ma jkunx ħa l-leave kollu tiegħu qabel it-tmiem tal-kuntratt tiegħu, anki fil-każ ta' riżenja volontarja. Kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, bħalma hija l-ġestjoni tal-infiq pubbliku, ma jistgħux jiġġustifikaw iċ-ċaħda ta' dan id-dritt. Madankollu, tista' ssir eċċezzjoni jekk il-ħaddiem ikun deliberatament naqas milli jieħu l-ġranet tal-leave tiegħu u jekk il-persuna li timpjega tkun informatu b'mod suffiċjenti bir-riskju li jitlef il-leave tiegħu u tkun inkoraġġietu jieħu dan il-leave.



Sentenza *Comune di Copertino* tat-18 ta' Jannar 2024 ([C-218/22](#))

Peress li qies li ċerti regoli tal-FIFA kienu ostakolaw ir-reklutaġġ tiegħu minn klabb Belġjan, ex plejer tal-futbol professjonali fi Franza kkontestahom quddiem il-qrati Belġjani. Dawn ir-regoli, li kienu jirriżultaw mir-regolament tal-FIFA dwar l-istatut u t-trasferiment tal-plejers, kienu jimponu kumpens fuq il-plejer u fuq il-klabb il-ġdid tiegħu jekk il-plejer iwaqqaf il-kuntratt tiegħu mingħajr "kawża ġusta" qabel ma jintemm. Dawn ir-regoli setgħu jwasslu wkoll għal sanzjonijiet sportivi, bħall-projbizzjoni fuq il-klabb ospitanti milli jirrekluta plejers ġodda, u kienu jipprekludu l-ħruġ ta' ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment sakemm ikun hemm tilwima dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt. Adita mill-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn ir-regoli ma kinux josservaw il-moviment liberu tal-ħaddiema u d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea.



Sentenza *FIFA* tal-4 ta' Ottubru 2024 ([C-650/22](#))

Ċittadinanza Ewropea

Kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni hija awtomatikament ċittadin tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija addizzjonali għaċ-ċittadinanza nazzjonali u ma tissostitwixxihiex. Iċ-ċittadini tal-Unjoni jibbenefikaw minn drittijiet speċifiċi ggarantiti mit-Trattati Ewropej.

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra r-Repubblika Ċeka u l-Polonja minħabba li dawn l-Istati Membri kienu qegħdin jillimitaw id-dritt ta' sħubija f'partit politiku għaċ-ċittadini tagħhom biss. Skont il-Kummissjoni, tali sitwazzjoni kienet tqiegħed liċ-ċittadini tal-Unjoni residenti f'dawn iż-żewġ Stati, mingħajr ma jkunu ċittadini tagħhom, f'sitwazzjoni inqas vantaġġuża fil-qasam tal-eliġibbiltà għall-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat raġun lill-Kummissjoni u kkonkludiet li r-Repubblika Ċeka u l-Polonja kienu kisru l-obbligi tagħhom taħt it-Trattati. Fil-fatt, iċ-ċittadini li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu għandhom ikollhom aċċess ugwali għall-istess mezz, fosthom l-appartenenza għal partit politiku, bħaċ-ċittadini ta' dan l-Istat sabiex jeżerċitaw utilment id-drittijiet elettorali tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din id-differenza fit-trattament ma setgħetx tiġi ġġustifikata minn raġunijiet relatati mal-osservanza tal-identità nazzjonali tal-Polonja jew tar-Repubblika Ċeka.



Sentenzi *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka* ([C-808/21](#)) u *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja* tad-19 ta' Novembru 2024 ([C-814/21](#))

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru ma jistax jirrifjuta li jirrikonoxxi l-bidla fl-isem u fl-identità tal-ġeneru miksuba legalment fi Stat Membru ieħor. Dan ir-rifjut jikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu u għad-dritt ta' residenza fi ħdan l-Unjoni. Peress li l-identità personali, li tinkludi l-isem u l-ġeneru, hija fundamentali, tali rifjut jikkawża diffikultajiet amministrattivi u privati li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.



Sentenza *Mirin* tal-4 ta' Ottubru 2024 ([C-4/23](#))

Konsumaturi

Il-politika Ewropea dwar il-konsumaturi għandha l-għan li tiproteġi s-saħħa, is-sigurtà kif ukoll l-interessi ekonomiċi u legali tal-konsumaturi, irrispettivament mill-post fejn jirrisjedu jew jiċċaqalqu jew minn fejn jixtru fl-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-Unjoni Ewropea




[Ara l-video fuq YouTube](#)



Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-konsumaturi kkontestat quddiem qorti Ġermaniża r-reklamar magħmul mill-katina tas-supermarkets Aldi Süd dwar tnaqqis fil-prezzijiet. Skont l-assoċjazzjoni, Aldi Süd ma kellhiex id-dritt tikkalkola tnaqqis fil-prezz abbażi tal-prezz immedjatament qabel l-offerta, iżda, skont id-dritt tal-Unjoni, hija kellha tagħmel dan abbażi tal-orħos prezz applikat matul l-aħħar 30 jum. Fuq domanda minn qorti Ġermaniża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li tnaqqis fil-prezz imħabbar f'reklamar għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-iktar prezz baxx matul l-aħħar 30 jum. Għalhekk, il-bejjiegħa jew fornituri huma preklużi milli jqarrqu bil-konsumatur billi jżidu l-prezz qabel ma jħabbru tnaqqis fil-prezz u billi b'hekk juru tnaqqis falz fil-prezzijiet.



Sentenza *Aldi Süd* tas-26 ta' Settembru 2024 ([C-330/23](#))



Ambjent

L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tħares u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem. Hija tibbaża ruħha fuq il-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' prevenzjoni kif ukoll fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-ambjent



[Ara l-video fuq YouTube](#)



[Direttiva Ewropea](#) ilha mill-2019 tipprobixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, li jsir frak minħabba l-ossidazzjoni. Kumpanniji Brittaniċi li kienu jipproduċu addittiv pro-ossidanti li, fil-fehma tagħhom, kien jippermetti lill-plastik jitfarrak iktar malajr mill-plastik ossodegradabbli, adixxew lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Huma talbu kumpens għad-dannu mġarrab minħabba l-fatt li l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' plastik ossodegradabbli tapplika wkoll għall-plastik li huma kklassifikaw bħala "ossobijodegradabbli". Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors billi qieset li l-leġiżlatur Ewropew ma wettaqx żball manifest. Fil-fatt, skont l-istudji xjentifiċi, il-livell ta' bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa baxx, jew saħansitra ineżistenti. Barra minn hekk, dan it-tip ta' plastik ma huwa adatt għal ebda forma ta' kompostaġġ. Fl-aħħar nett, ir-riċiklaġġ tiegħu huwa problematiku peress li t-teknoloġiji attwali ma jippermettux kemm l-identifikazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, kif ukoll l-iżolament tiegħu mill-plastik konvenzjonali.



Sentenza *Symphony Environmental Technologies u Symphony Environmental vs Il-Parlament et* tal-31 ta' Jannar 2024 ([T-745/20](#))

Il-lupu, li huwa strettament protett mill-[Konvenzjoni ta' Berna](#), kien is-suġġett ta' żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li fihom din tal-aħħar indirizzat id-Direttiva dwar il-habitats. Fl-Awstrija, organizzazzjonijiet ambjentali kkontestaw quddiem qorti ta' Tirol l-awtorizzazzjoni temporanja għall-qtil ta' lupu li kien qatel madwar 20 nagħġa. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tal-projbizzjoni tal-kaċċa għal-lupu f'dan l-Istat Membru peress li l-popolazzjoni tal-ispeċi ma kinitx tinsab fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fl-imsemmi Stat Membru. Barra minn hekk, fi Spanja, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-lupu Iberiku kkontestat liġi tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla y León li kienet tindika l-lupu bħala speċi li setgħet tkun is-suġġett tal-kaċċa fit-Tramuntana tax-xmara Duero (fejn il-lupu seta' jkun is-suġġett ta' miżuri ta' ġestjoni, filwaqt li jibbenefika minn protezzjoni stretta fin-Nofsinhar ta' din ix-xmara). B'risposta għad-domandi ta' qorti Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li l-lupu jista' jiġi indikat bħala speċi li tista' tkun is-suġġett tal-kaċċa fuq livell reġjonali meta l-istat ta' konservazzjoni tiegħu fuq livell nazzjonali jkun sfavorevoli.



Sentenzi *WWF Österreich et*, tal-11 ta' Lulju 2024 ([C-601/22](#)) u *ASCEL*, tad-29 ta' Lulju 2024 ([C-436/22](#))

L-impjant tal-azzar Ilva, li jinsab f'Taranto, fil-Puglia (fin-Nofsinhar tal-Italja), huwa wieħed mill-ikbar impjanti tal-azzar fl-Ewropa. L-effetti negattivi tiegħu fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tar-residenti lokali ġew ikkonstatati fl-2019 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Miżuri intiżi li jitnaqqsu dawn l-impatti kienu ilhom ippjanati sa mill-2012, iżda l-implimentazzjoni tagħhom ġiet posposta regolarment. Diversi abitanti taż-żona madwar l-impjant tal-azzar aġixxew quddiem il-qrati Taljani. Il-Qorti tal-Ġustizzja, adita minn qorti stabbilita f'Milano, qieset li ma kienx jidher li rekwiżiti importanti għall-għoti u għaż-żamma tal-awtorizzazzjoni għall-operat, meħtieġa mid-[Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali](#), kienu ġew issodisfatti. L-operat tal-impjant tal-azzar kellu għalhekk jiġi sospiż jekk jirriżulta li jippreżenta perikoli serji u sinjifikattivi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.



Sentenza *Ilva et*, tal-25 ta' Ġunju 2024 ([C-626/22](#))



Soċjetà tal-informazzjoni

L-Unjoni Ewropea għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni, bil-għan li toħloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u għall-kompetittività, filwaqt li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumatur u filwaqt li tipprovdi ċertezza legali. Hija tiżgura swieq diġitali ġusti u miftuħa, u tneħħi l-ostakoli għas-servizzi online transkonfinali fis-suq intern sabiex tiżgura l-moviment liberu tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dinja diġitali



[Ara l-video fuq YouTube](#)



Liġi Taljana kienet imponiet fuq il-fornituri ta' servizzi online stabbiliti barra mill-Italja, bħalma huma Airbnb, Expedia, Google u Amazon, obbligi amministrattivi bil-għan iddikjarat li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni. Dawn il-fornituri kellhom, b'mod partikolari, jinkitbu f'reġistru speċjali, jipprovdu rapporti ekonomiċi u jħallsu kontribuzzjonijiet finanzjarji. Adita minn qorti Taljana, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn il-miżuri kienu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Hija fakkret li l-fornituri tas-servizzi online huma prinċipalment suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom, jiġifieri, f'dan il-każ, l-Irlanda jew il-Lussemburgu. L-Istati Membri, bħalma hija l-Italja, fejn joperaw dawn il-fornituri huma marbuta bil-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku u, bħala regola ġenerali, ma jistgħux jistabbilixxu obbligi addizzjonali li jkunu jistgħu jillimitaw il-libertà li jiġu pprovduti dawn is-servizzi.



Sentenzi *Airbnb Ireland* u *Amazon Services Europe* (Kawżi magħquda [C-662/22](#) u [C-667/22](#)), *Expedia* ([C-663/22](#)), *Google Ireland* u *Eg Vacation Rentals Ireland* (Kawżi magħquda [C-664/22](#) u [C-666/22](#)), *Amazon Services Europe* ([C-665/22](#)) tat-30 ta' Mejju 2024

Il-kumpannija ByteDance Ltd kienet tipprovdi, permezz tas-sussidjarji tagħha, il-pjattaforma tan-network soċjali online TikTok. Il-Kummissjoni identifikat lil Bytedance bħala gwardjan ta' servizz ewlieni ta' pjattaforma, skont ir-[Regolament Ewropew dwar is-swieq diġitali \(l-Att dwar is-Swieq Diġitali\)](#), li kien ifisser li Bytedance kellha tikkonforma ruħha ma' sett immirat ta' obbligi legali intiżi li jippermettu lil imprints oħra jikkompetu mal-gwardjan u li jipprevjenu ċerti prattiki żleali. Adita bir-rikors ta' Bytedance kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fakkret li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien adotta r-Regolament Ewropew dwar is-swieq diġitali sabiex itejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Filwaqt li kkonstatat li l-kriterji previsti f'dan ir-regolament, b'mod partikolari l-valur tas-suq dinji u n-numru ta' utenti, kienu ssodisfatti f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet għustament tqis li Bytedance kienet gwardjan u għalhekk ċaħdet ir-rikors.



Sentenza *Bytedance vs Il-Kummissjoni* tas-17 ta' Lulju 2024 ([T-1077/23](#))

Kompetizzjoni, għajnuna mill-Istat u deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem

L-Unjoni Ewropea tiżgura l-osservanza tar-regoli li jipproteġu l-kompetizzjoni ħielsa. Il-prattiki li għandhom bħala għan jew bħala effett li jipprekludu, li jillimitaw jew li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern huma pprojbati u jistgħu jiġu ssanzjonati b'multi. Barra minn hekk, l-għajnuna mill-Istat hija pprojbata meta tkun inkompatibbli mas-suq intern u għalhekk il-Kummissjoni għandha, f'dan ir-rigward, missjoni importanti ta' kontroll mogħtija lilha mit-Trattati.

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Garanzija li l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea josservaw il-liġi tal-Unjoni



[Ara l-video fuq YouTube](#)



Il-proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn kien jipprevedi mina taħt il-Baħar Baltiku bejn Rødby, fuq il-gżira Daniża ta' Lolland, u Puttgarden, fil-Ġermanja. L-entità pubblika Daniża Femern A/S kienet responsabbli għall-finanzjament, għall-kostruzzjoni u għall-operat ta' din il-konnessjoni. Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-miżuri finanzjarji mogħtija lil Femern A/S mid-Danimarka kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li, madankollu, kienet kompatibbli mas-suq intern. Id-Danimarka u żewġ operatori tal-laneċ, Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland, talbu l-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Din tal-aħħar ċaħdet ir-rikorsi billi qieset li l-vantaġġ selettiv mogħti lil Femern A/S isaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-suq tas-servizzi tat-trasport meta mqabbla mal-impriża l-oħra tas-suq u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, il-proġett ta' konnessjoni fissa kien ta' interess Ewropew komuni, li kellu jagħti kontribut importanti għall-għanijiet tal-politika tat-trasport tal-Unjoni.



Sentenzi *Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni*; *Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni* u *Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni* tat-28 ta' Frar 2024 ([T-7/19, T-364/20 u T-390/20](#))

Qualcomm, impriża Amerikana li tipproduċi ċipep għat-telefons u tablets ġiet akkużata minn Icera li kienet tapplika prezzijiet predatorji. Nvidia, wara li xtrat lil Icera, ipprovdiet informazzjoni ġdida dwar dawn l-akkużi. Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea imponiet multa ta' EUR 242 miljun fuq Qualcomm għal abbuż minn pożizzjoni dominanti, filwaqt li akkużatha li bieġhet iċ-ċipep b'telf lil Huawei u lil ZTE sabiex telimina lil Icera, il-kompetitriċi tagħha. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet il-parti l-kbira tal-argumenti ta' Qualcomm, ħlief dawk dwar il-kalkolu tal-multa. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet tbiegħdet, mingħajr ġustifikazzjoni, mil-Linji Gwida tal-2006 tagħha u naqqset il-multa għal EUR 238.7 miljun.



Sentenza *Qualcomm vs Il-Kummissjoni* tat-18 ta' Settembru 2024 ([T-671/19](#))



Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea kienet imponiet multa ta' madwar EUR 2.4 biljuni fuq Google talli abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha f'diversi swieq nazzjonali tat-tiftix fuq l-internet. Il-Kummissjoni kienet ikkonstatat li, fi 13-il pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), Google kienet tiffavorixxi s-servizz tagħha stess ta' tqabbil ta' prodotti fir-riżultati ta' tiftix tagħha, meta mqabbla ma' servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti. Fil-fatt, ir-riżultati ta' Google kienu fuq quddiem, enfasizzati f'"kaxxi" attraenti, filwaqt li dawk tal-kompetituri kienu rrelegati f'sempliċi links ġeneriċi, ta' spiss mogħtija inqas importanza mill-algoritmi. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonfermat, essenzjalment, din id-deċiżjoni, u l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell ta' Google u Alphabet, u b'hekk ikkonfermat il-multa.



Sentenza *Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping)* tal-10 ta' Settembru 2024 ([C-48/22 P](#))

Google nediet il-pjattaforma ta' reklamar tagħha AdSense fl-2003. Din il-pjattaforma tippermetti lill-operaturi tas-siti tal-internet jirċievu dħul billi juru reklami relatati mat-tiftix tal-utenti. Sabiex jużaw dan is-servizz, ċerti edituri ta' siti kellhom jiffirmaw kuntratti ma' Google, li kienu jinkludu klawżoli li kienu jipprekludu jew jillimitaw il-wiri ta' reklami kompetituri. Fl-2019, wara lmenti minn diversi impriżi, fosthom Microsoft u Expedia, il-Kummissjoni Ewropea imponiet fuq Google multa ta' EUR 1.49 biljuni għal abbuż minn pożizzjoni dominanti. Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji fl-evalwazzjoni tagħha tal-perijodu ta' validità tal-klawżoli u tal-parti mis-suq koperta minnhom u li għalhekk hija ma kinitx stabbilixxiet korrettament l-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni fl-intier tagħha.



Sentenza *Google AdSense vs Il-Kummissjoni* tat-18 ta' Settembru 2024 ([T-334/19](#))

Fl-2021, il-Kummissjoni kkonstatat li l-banek Deutsche Bank, Bank of America, Crédit Agricole u Credit Suisse (li issa saru UBS Group) kienu pparteċipaw f'kartell fis-settur tal-bonds suprasovrani, tal-bonds sovrani u tal-bonds ta' korpi pubbliċi ddenominati f'dollari US ("SSA Bonds"), billi skambjaw informazzjoni sensittiva u billi kkoordinaw l-istrateġiji ta' negozjar tagħhom. Il-Kummissjoni imponiet multi fuq Bank of America (EUR 12.6 miljuni), fuq Credit Suisse (EUR 11.9 miljuni) u fuq Crédit Agricole (EUR 3.9 miljuni), filwaqt li Deutsche Bank ġie eżentat minn multa minħabba l-kooperazzjoni tiegħu. Fid-deċiżjoni tagħha dwar ir-rikorsi ta' Crédit Agricole u ta' Credit Suisse, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonfermat il-konstatazzjoni ta' ksur magħmula mill-Kummissjoni u żammet l-ammont tal-multi imposti fl-2021.



Sentenza *Crédit agricole u Crédit agricole Corporate and Investment Bank vs Il-Kummissjoni u UBS Group u Credit Suisse Securities (Europe) vs Il-Kummissjoni* tas-6 ta' Novembru 2024 ([T-386/21](#) u [T-406/21](#))

Fl-2018, Vodafone, kumpannija Brittanika tat-telekomunikazzjonijiet, ħabbret lill-Kummissjoni Ewropea l-intenzjoni tagħha li takkwista l-attivitajiet ta' telekomunikazzjonijiet ta' Liberty Global fil-Ġermanja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fir-Rumanija. Il-Kummissjoni tat il-kunsens tagħha fl-2019, taħt ċerti kundizzjonijiet. Peress li beżgħu li Vodafone kienet ser tikseb pożizzjoni dominanti f'ċerti swieq, tliet impriżi Ġermaniżi adixxew lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali ħafdet dawn ir-rikorsi billi qieset li l-Kummissjoni kienet validament qieset li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux kompetituri fis-swieq ikkonċernati, jiġifieri l-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali televiżivi fil-Ġermanja.



Sentenzi *NetCologne vs Il-Kummissjoni*, *Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni* u *Tele Columbus vs Il-Kummissjoni* tat-13 ta' Novembru 2024 ([T-58/20](#), [T-64/20](#) u [T-69/20](#))

Bħala prinċipju, it-taxxi diretti jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, dawn it-taxxi għandhom josservaw ir-regoli bażi tal-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-projbizzjoni tal-għajjnuna mill-Istat. Għalhekk, l-Unjoni tiżgura l-legalità tad-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem (tax rulings) tal-Istati Membri li jagħtu lil impriżi trattament fiskali partikolari. Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea qieset li ċerti impriżi tal-grupp Apple kienu bbenefikaw, bejn l-1991 u l-2014, minn vantaġġi fiskali li kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat mogħtija mill-Irlanda. Din l-għajjnuna kienet tirrigwarda t-trattament fiskali tal-profitti ġġenerati mill-attivitajiet ta' Apple barra mill-Istati Uniti. Fl-2020, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni billi ddeċidiet li din tal-aħħar ma kinitx ipprovat suffiċjentement l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv favur dawn l-impriżi. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u qatgħet definittivament il-kawża, billi kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-Irlanda kienet tat lil Apple għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern billi tat lil din l-impriża trattament fiskali li jidderoga mir-regoli Irlandiżi dwar it-tassazzjoni tal-profitti tal-kumpanniji mhux residenti. Dan l-Istat Membru ġie għalhekk obligat jirkupra din l-għajjnuna.



Sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et* tal-10 ta' Settembru 2024 ([C-465/20 P](#))

Proprietà intellettuale

Il-leġislazzjoni adottata mill-Unjoni Ewropea sabiex tiġi protetta l-proprjetà intellettuale (drittijiet tal-awtur) u industrijali (dritt tat-trade marks, protezzjoni tad-disinni) ittejjeb il-kompetittività tal-imprezzi billi tiffavorixxi ambjent li jinkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni.

Il-Proprietà Intellettuale fil-Qorti Ġenerali



[Ara l-video fuq YouTube](#)



F'Settembru 2021, il-kumpanija Escobar Inc. (Puerto Rico, l-Istati Uniti) talbet lill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuale tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) jirreġistra s-sinjal verbali Pablo Escobar bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea. Il-Kolombjan Pablo Escobar, li miet fl-1993, huwa meqjus li huwa barun tad-droga u narkoterrorist li waqqaf il-kartell ta' Medellín (il-Kolombja). L-EUIPO rrifjuta li jirreġistra t-trade mark peress li qies li tmur kontra l-ordni pubbliku u l-moralità. Adita mill-kumpanija Escobar b'rikors kontra dan ir-rifjut, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonfermat id-deċiżjoni tal-EUIPO filwaqt li enfasizzat li l-isem ta' Pablo Escobar huwa assoċjat mat-traffikar tad-droga u man-narkoterroriżmu, b'tali mod li t-trade mark kienet ser tiġi pperċepita bħala li tmur kontra r-regoli morali fundamentali kif ukoll kontra l-valuri indiviżibbli u universali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni.




Sentenza *Escobar vs EUIPO (Pablo Escobar)* tas-17 ta' April 2024 ([T-255/23](#))

It-trade mark tal-Unjoni Ewropea "Big Mac" ġiet irreġistrata fl-1996 favur il-katina Amerikana McDonald's. Fl-2017, peress li qieset li din it-trade mark ma kinitx is-suġġett ta' użu ġenwin għal ċerti prodotti u servizzi, il-katina ta' fast food Irlandiża Supremac's talbet lill-EUIPO jiddikjara r-revoka tagħha. L-EUIPO laqa' t-talba ta' Supremac's, iżda parzjalment biss. Supremac's, minħabba li ma kinitx kuntenta b'din id-deċiżjoni, adixxiet lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Din tal-aħħar kompliet tillimita l-protezzjoni mogħtija lil McDonald's mit-trade mark "Big Mac". Il-katina Amerikana b'hekk tilfet din it-trade mark għall-ikel abbażi tat-tjur u għas-sandwiches tat-tiġieġ, għas-servizzi ta' ristorazzjoni u għad-"drive-in", kif ukoll għall-preparazzjoni ta' platti take-away. Il-Qorti Ġenerali qieset li McDonald's ma kinitx uriet li għamlet użu ġenwin mit-trade mark "Big Mac" fl-Unjoni għal perijodu kontinwu ta' ħames snin għal dawn il-prodotti u servizzi.



Sentenza *Supremac's vs EUIPO - McDonald's International Property (BIG MAC)* tal-5 ta' Ġunju 2024 ([T-58/23](#))



FI-24 ta' Frar 2022, l-ewwel jum tal-invażjoni Russa fuq skala kbira tal-Ukraina, Roman Gribov, gwardja tal-fruntiera Ukraina fil-Gżira ta' Serpents, fil-Baħar l-Iswed, ħareġ b'għajta tal-gwerra kontra l-bastimenti Russi: "Русский военный корабль, иди на **й" (bl-Ingliż: "Russian warship, ġo f**k yourself"). L-Administration of the State Border Guard Service of Ukraine talbet lill-EUIPO jirreġistra, bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, trade mark ikkostitwita minn din l-għajta tal-gwerra u mit-traduzzjoni bl-Ingliż tagħha. L-EUIPO ċaħad din it-talba. Adita b'rikors mill-amministrazzjoni Ukraina, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonfermat din iċ-ċaħda. Hija qieset li din il-frażi, li kienet saret simbolu tal-ġlieda tal-Ukraina kontra l-aggressjoni Russa, ma kinitx ser tiġi pperċepita bħala l-indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali.



Sentenza *Administration of the State Border Guard Service of Ukraine vs EUIPO (RUSSIAN WARSHIP, GO F**K YOURSELF)* tat-13 ta' Novembru 2024 ([T-82/24](#))

FI-2016, il-kumpannija Ġermaniża Puma kisbet ir-reġistrazzjoni, mingħand l-EUIPO, ta' disinn Komunitarju ta' żraben sportivi. Il-kumpannija Olandiża Handelsmaatschappij J. Van Hilst talbet lill-EUIPO jiddikjara l-invalidità ta' dan id-disinn billi allegat li, tnax-il xahar qabel il-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, il-kantanta Rihanna, li kienet għadha kif inġatret diretttriċi artistika ta' Puma, kienet ippubblikat fuq Instagram stampi li fihom kienet liebsa żraben li juru disinn b'karatteristiċi simili. L-EUIPO qies li d-disinn kien għalhekk sar pubbliku qabel l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, u li dan kien jiġġustifika l-annullament tiegħu. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet ir-rikors ta' Puma kontra d-deċiżjoni tal-EUIPO u kkonfermat li l-istampi meħuda mill-kont Instagram inkwistjoni kienu suffiċjenti sabiex juru l-iżvelar tad-disinn preċedenti, peress li kienu jippermettu li jiġu identifikati l-karatteristiċi essenzjali kollha tiegħu.



Sentenza *Puma vs EUIPO - Handelsmaatschappij J. Van Hilst (Żraben)* tas-6 ta' Marzu 2024 ([T-647/22](#))

Politika kummerċjali

Il-politika kummerċjali komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea, li permezz tagħha tikkonkludi b'mod partikolari ftehimiet kummerċjali internazzjonali. Il-fatt li l-Unjoni titkellem b'vuċi waħda fil-livell mondjali jqiegħda f'pożizzjoni b'saħħitha fejn jidħol il-kummerċ internazzjonali. Madankollu, l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam għandha tosserva l-qafas kostituzzjonali tal-Unjoni.

Fl-2019, il-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Marokk dwar is-sajd u l-prodotti agrikoli ġew estiżi għat-territorju tas-Saħara tal-Punent mingħajr il-kunsens espliċitu tal-poplu tiegħu. Il-Front Polisario, irrikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti bħala rappreżentant privileġġat tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, ikkontesta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li approvaw dawn il-ftehimiet quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li annullathom. Adita b'appell mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-ftehimiet kienu jiksru d-dritt internazzjonali peress li l-poplu tas-Saħara tal-Punent, detentur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, ma kienx ġie kkonsultat validament. Il-kunsens tiegħu lanqas ma seta' jiġi preżunt, peress li l-ftehimiet ma kienu jagħtu ebda benefiċċju konkret lill-poplu tas-Saħara tal-Punent, fil-forma ta' kumpens finanzjarju proporzjonat fid-dawl tal-isfruttament tar-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent u tal-ibħra li jmissu miegħu.



Sentenzi *Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario* tal-4 ta' Ottubru 2024 (Kawżi magħquda [C-778/21 P](#) u [C-798/21 P](#); Kawżi magħquda [C-779/21 P](#) u [C-799/21 P](#))

Sindakat agrikolu Franċiż kien ikkontesta quddiem l-amministrazzjoni Franċiża t-tikkettjar tal-bettieħ u tat-tadam ikkultivati fis-Saħara tal-Punent. Dawn il-prodotti kienu jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea bl-indikazzjoni tal-Marokk bħala l-pajjiż ta' oriġini, u dan ġie ddenunzjat mill-Confédération paysanne bħala qarrieqi u kuntrarju għad-dritt internazzjonali. Hija talbet tikketta speċifika li tindika l-oriġini vera tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li s-Saħara tal-Punent huwa territorju distint mill-Marokk fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prodotti li joriġinaw minn dan it-territorju għandhom isemmu l-oriġini reali tagħhom, jiġifieri s-Saħara tal-Punent, sabiex jiggarrantixxu informazzjoni trasparenti u sabiex jevitaw li jqarrqu bil-konsumaturi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Istati Membri, bħalma hija Franza, ma jistgħux jadottaw unilateralment projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni għal prodotti ttikkettjati ħażin. Tali kompetenza tappartjeni esklużivament lill-Unjoni fil-kuntest tal-politika kummerċjali komuni tagħha.



Sentenza *Confédération paysanne (Bettieħ u tadam mis-Saħara tal-Punent)* tal-4 ta' Ottubru 2024 ([C-399/22](#))

Migrazzjoni u ażil

L-Unjoni Ewropea adottat sett ta' regoli għall-istabbiliment ta' politika Ewropea effettiva, umanitarja u sigura dwar il-migrazzjoni. Is-sistema Ewropea komuni tal-ażil tistabbilixxi standards minimi applikabbli għall-ipproċessar ta' dawk kollha li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil u tal-applikazzjonijiet tagħhom fl-Unjoni kollha.

Skont id-[Direttiva dwar il-klassifikazzjoni](#), il-persuni rreġistrati mal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati fil-Palestina u fil-Lvant Qarib (UNRWA) huma esklużi mill-istatus ta' refuġjat fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, dawn il-persuni għandhom, bħala prinċipju, jiksbu l-istatus ta' refuġjat jekk l-assistenza jew il-protezzjoni ta' din l-aġenzija tieqaf. Fil-kuntest ta' tilwima dwar persuni apolidi ta' orġini Palestinjana, qorti Bulgara adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara l-kriterji li jippermettu li jitqies li din l-assistenza tkun waqfet. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti fil-Medda ta' Gaża, l-inkapaċità tal-UNRWA li ttiprovdi kundizzjonijiet ta' ħajja dinjitużi jew kundizzjonijiet minimi ta' sigurtà fiż-żona kkonċernata tikkostitwixxi tali waqfien.



Sentenza Zamestnik-predsedatel na Darzhavna agentsia za bezhantsite (Status ta' refuġjat – Persuna apolida ta' orġini Palestinjana) tat-13 ta' Ġunju 2024 ([C-563/22](#))

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lill-Ungerija tħallas somma f'daqqa ta' EUR 200 miljun u pagamenti ta' penalità ta' EUR 1 miljun kuljum għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza dwar l-ażil li hija tat f'Diċembru 2020. L-Ungerija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha dwar l-aċċess għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, id-detenzjoni tal-applikanti f'żoni ta' tranżitu u t-tneħħija taċ-ċittadini li jirrisjedu irregolarment. Billi deliberatament naqset milli tapplika l-politika komuni tal-Unjoni, hija kienet ippreġudikat serjament il-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-unità tad-dritt tal-Unjoni. Dan in-nuqqas bla preċedent u eċċezzjonalment gravi kien jittrasferixxi responsabbiltà mhux ġustifikata għall-akkoljenza u għall-ġestjoni tal-applikanti għall-ażil fuq l-Istati Membri l-oħra.



Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali II) tat-13 ta' Ġunju 2024 ([C-123/22](#))

Kooperazzjoni ġudizzjarja

L-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jinkludi miżuri li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri. Din il-kooperazzjoni hija bbażata fuq ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha l-għan li tarmonizza d-drittijiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali billi tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, tal-persuni ssuspettati u tad-detenuati fl-Unjoni.

Qorti Taljana kienet ikkundannat lil raġel, awtur tal-omiċidju tal-ex sieħba tiegħu, iħallas kumpens lill-membri tal-familja tal-vittma. Madankollu, minħabba l-insolvenza tal-awtur, l-Istat Taljan ta kumpens biss lit-tfal u lill-konjuġi tal-vittma. Il-ġenituri, l-oħt u t-tfal tal-vittma għalhekk ressqu kawża quddiem qorti Taljana sabiex jitolbu kumpens “ġust u xieraq”. Il-Qorti tal-Ġustizzja, li saritilha domanda dwar l-interpretazzjoni tad-[Direttiva dwar il-kumpens għal vittmi ta' reati kriminali](#), iddeċidiet li sistema nazzjonali li teskludi awtomatikament lil ċerti membri tal-familja minn kull kumpens minħabba s-sempliċi fatt li jkun hemm membri oħra tal-familja ma tiggarantixxix “kumpens ġust u xieraq” għall-vittmi indiretti. Tali sistema għandha tiegħu inkunsiderazzjoni kunsiderazzjonijiet oħra, bħalma huma l-konsegwenzi materjali li jirriżultaw, għal dawn il-membri tal-familja, mill-mewt tal-persuna li mietet jew il-fatt li kienu dipendenti fuqha.



Sentenza *Burdene* tas-7 ta' Novembru 2024 ([C-126/23](#))

Il-pulizija Franċiża kien irnexxielha tinfiltra s-servizz ta' telekomunikazzjoni kriptat EncroChat, użat madwar id-dinja fuq mobiles kriptati għat-traffikar illegali ta' drogi narkotiċi. Permezz ta' server tal-Europol, l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Ġudizzjarja Ġermaniż seta' jikkonsulta d-data hekk interċettata, li kienet tikkonċerna l-utenti ta' EncroChat fil-Ġermanja. Wara deċiżjonijiet ta' investigazzjoni Ewropea maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġermaniż, qorti Franċiża awtorizzat it-trażmissjoni ta' din id-data u l-użu tagħha fi proċeduri kriminali fil-Ġermanja. F'dan il-kuntest, il-Qorti Reġjonali ta' Berlin staqsiet dwar il-legalità ta' dawn id-deċiżjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li prosekutur jista' jadotta, taħt ċerti kundizzjonijiet, deċiżjoni ta' investigazzjoni Ewropea intiża li tinkiseb it-trażmissjoni ta' provi diġà miġbura minn Stat Membru ieħor. Il-ħruġ ta' tali deċiżjoni ma jeħtieġx li jiġu osservati l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ġbir ta' provi fl-Istat emittenti. Stħarriġ ġudizzjarju sussegwenti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data għandu, madankollu, ikun possibbli.



Sentenza *M.N. (EncroChat)* tat-30 ta' April 2024 ([C-670/22](#))

Politika estera u ta' sigurtà komuni

Bħala strument essenzjali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri restrittivi jew “sanzjonijiet” jintużaw bħala parti minn azzjoni integrata u komprensiva li tinkludi, fost l-oħrajn, djalogu politiku. L-Unjoni tużahom, b'mod partikolari, sabiex tħares il-valuri, l-interessi fundamentali u s-sigurtà tal-Unjoni, u sabiex tevita l-kunflitti u ssaħħa is-sigurtà internazzjonali. Fil-fatt, is-sanzjonijiet huma intiżi li jwasslu għal bidla fil-politika jew fl-aġir min-naħa tal-persuni jew tal-entitajiet koperti, bil-għan li jiġu promossi l-għanijiet tal-PESK.

Fl-2008, l-Unjoni Ewropea nediet il-missjoni ċivili Eulex Kosovo, sabiex tinvestiga d-delitti u l-persuni neqsin jew maqtula fil-Kosovo fl-1999. Is-sena ta' wara, hija stabbilixxiet kumitat speċjali sabiex jinvestiga l-ilmenti dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn Eulex Kosovo fit-twettiq tal-mandat tagħha. Wara l-ilmenti mressqa minn KS u KD, membri tal-familja qrib persuni neqsin jew maqtula fil-Kosovo, dan il-kumitat ikkonkluda li kien hemm ksur ta' diversi drittijiet fundamentali. Sussegwentement, KS u KD adixxew lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex jitolbu kumpens għad-dannu allegatament marbut mal-investigazzjonijiet imwettqa matul il-missjoni. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat li manifestament ma kellhiex ġurisdizzjoni.

Fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK). Hija ddeċidiet li hija kellha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta jew teżamina l-legalità ta' atti jew ommissjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK u li ma jkunux marbuta direttament ma' għażliet politiċi jew strateġiċi (bħalma huma, pereżempju, l-atti relatati mar-reklutaġġ tal-persunal ta' Eulex Kosovo). Hija enfasizzat li tali interpretazzjoni stretta tal-eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni tagħha fil-qasam tal-PESK hija konformi mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, filwaqt li għamlet riferiment, f'dan ir-rigward, għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali u kkonstatat li l-qrati tal-Unjoni għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar parti mill-atti jew mill-aġir imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors għad-danni tagħhom.



Sentenza *KS u KD vs Il-Kunsill et* tal-10 ta' Settembru 2024 (Kawżi magħquda [C-29/22 P](#) u [C-44/22 P](#))



Dejjem fil-qasam tal-PESK, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonfermat il-legalità tal-projbizzjoni, adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu u lill-persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti fir-Russja (ara wkoll, dwar din l-istess sentenza, it-taqsimi "Drittijiet fundamentali" u l-kapitolu "Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza").




Sentenza *Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles et vs Il-Kunsill* ([T-797/22](#), [T-798/22](#), [T-828/22](#))

Id-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni jipproponi lill-professjonisti tal-liġi, fil-kuntest tal-Kollezzjoni tas-Sunti tiegħu, "[Selezzjoni tal-iktar sentenzi importanti](#)" u "[Bullettini tal-ġurisprudenza ta' kull xahar](#)" tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.







3

**Amministrazzjoni
li taqdi l-ġustizzja**

A. Daħla mir-Reġistratur



Alfredo Calot Escobar

Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

Għaddew għoxrin sena minn meta għaxar Stati Membri ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea, mument ta' importanza storika fil-ġrajja tal-istituzzjoni tagħna. Kien jum ta' ċelebrazzjoni, iżda wkoll mument ta' sfidi mingħajr preċedent. Meta nħares lura lejn dawn l-għoxrin sena, inkun kburi ngħid li mhux biss għelibna dawn l-isfidi iżda rnexxielna nsiru iktar b'saħħitna.

Illum il-ġurnata nsibu ruħna għaddejjin minn bidliet daqstant ieħor sinjifikattivi għall-istituzzjoni tagħna. Il-proċedura leġiżlattiva għat-trasferiment tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali tlestiet. Grazzi għall-isforzi bla waqfien taż-żewġ qrati u ta' diversi dipartimenti, ittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tagħha.

L-istess spirtu ta' kollaborazzjoni u ta' adattabbiltà kien il-motivazzjoni wkoll għall-isforzi tagħna f'qasam prinċipali ieħor, dak tat-trasformazzjoni diġitali. Matul is-sena komplejna ntejbu l-kapaċitajiet diġitali tagħna, bl-iżvilupp attiv ta' proġetti msejsa fuq l-intelliġenza artifiċjali (IA), filwaqt li użajna r-rekwiżiti tal-Att dwar l-IA, li daħal fis-seħħ din is-sena, bħala gwida għal dawn l-inizjattivi. Konxji tal-fatt li l-input mill-bnedmin ser jibqa' essenzjali għall-użu effettiv tal-għodda tal-IA, nedejna programm komprensiv u estensiv għat-taħriġ fl-IA. Barra minn hekk, id-dipartimenti tat-traduzzjoni legali tagħna kienu minn tal-ewwel li fasslu pjanijiet tax-xogħol f'ambjent dejjem iktar diġitali, u b'hekk stabbilixxew l-istandard li għandu jintlaħaq mid-dipartimenti l-oħra.

Aħna u nkomplu naħdmu fuq il-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni, ser ikun daqstant ieħor importanti li niżguraw is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali tagħna. Din is-sena daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar iċ-ċibersigurtà, li introduċa obbligi sinjifikattivi għall-istituzzjoni tagħna, obbligi li din tal-aħħar għandha twettaq f'perijodu ta' żmien strett.

Waqт li nħaddnu l-innovazzjoni, l-ideali tal-istituzzjoni, mhux mittiefsa mill-mogħdija taż-żmien, jibqgħu jiggwidaw l-isforzi tagħna. Fil-qofol tas-suċċess tagħna hemm l-iktar assi importanti tagħna: tim ta' iktar minn 2 000 individwu ddedikat minn madwar il-kontinent kollu, li jaħdmu b'mod armonjuż u kontinwu f'isem il-ġustizzja. Il-veru valur ta' dan l-isforz kollettiv jinsab fid-diversità tiegħu; it-tgħaqqid ta' firxa wiesgħa ta' perspettivi, ta' kulturi, ta' esperjenzi u ta' talenti jsaħħaħ il-kapaċità tagħna li nwettqu l-missjoni tagħna.

Bil-għan li nattivaw u nżommu l-aqwa talenti mill-Istati Membri kollha, matul is-sena komplew inizjattivi sabiex titħares l-attrazzjoni tal-pajjiż ospitanti tagħna bħala post tax-xogħol. Għall-ewwel darba rajna rikonoxximent politiku tal-isfidi uniċi li jaffaċċjaw il-membri tal-persunal fil-Lussemburgu, meta mqabbla mal-kollegi tagħhom fi Brussell. Fi proċedura li bl-ebda mod ma kienet waħda sempliċi, l-awtoritajiet baġitarji laqgħu t-talba tagħna għal allowance temporanja għall-akkomodazzjoni għal kollegi fi gradi salarjali baxxi. Dan kien l-ewwel pass, għalkemm wieħed vitali, sabiex tiġi indirizzata din l-inugwaljanza.

L-impenn tagħna lejn id-diversità jmur lil hinn mill-membri tal-persunal tagħna. FI-2024, ħadna inizjattivi ġodda, flimkien mal-European Judicial Training Network (in-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju), bil-għan li ntejbu l-bilanċ ġeografiku ta' professjonisti tal-ġustizzja nazzjonali li jipparteċipaw fit-taħriġ fuq perijodu twil fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn l-isforzi ħallew riżultati konkreti, b'applikazzjonijiet minn kandidati minn tliet Stati Membri ġodda għall-ewwel darba fl-istorja ta' kważi għoxrin sena tal-programm.

Dan juri wkoll l-impenn fit-tul tagħna lejn it-tiżni tad-djalogu mal-qrati nazzjonali, prinċipju li ħdimna fuqu b'mod attiv matul is-sena. Pass sinjifikattiv ieħor fil-promozzjoni tad-djalogu ġudizzjarju ttieħed min-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea: għall-ewwel darba, laqgħa tal-parteciċipanti nżammet lil hinn mill-bini tal-istituzzjoni u kienet organizzata flimkien mal-Conseil d'État Belġjan. Dan ta perspettiva ġdida lin-Network u saħħaħ l-idea fundamentali li d-djalogu ġudizzjarju, min-natura tiegħu stess, ma huwiex ristrett mill-konfini istituzzjonali.

Flimkien ma' dawn l-avvenimenti esterni, il-ħidma tagħna kienet diretta wkoll internament, fejn tennejna l-impenn tagħna lejn l-oġġla standards etiċi li minn dejjem kienu parti integrali mill-identità tagħna. Din is-sena kkonsolidajna dawn l-istandards f'Kodiċi tal-Kondotta applikabbli għall-membri kollha tal-persunal, u b'hekk il-prinċipji tagħna issa jirriflettu l-istandards għolja li kienu stabbiliti għall-Membri.

Bħalma affaċċajna l-isfidi tat-tkabbir għoxrin sena ilu b'determinazzjoni u b'sens kondiviż ta' finalità, jiena ċert li għoxrin sena oħra ser inħarsu lura lejn it-trasformazzjonijiet tal-lum bl-istess sens ta' kburiya. L-isfidi li għandna quddiemna llum huma opportunità sabiex inħaddnu l-iżviluppi innovattivi li ser jiggwidaw il-mixja tal-istituzzjoni tagħna lejn il-futur, filwaqt li nonoraw it-tradizzjonijiet b'saħħithom li sawru l-passat tagħha.

B. L-avvenimenti ewlenin tas-sena

Trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari

Bil-għan li l-qrati tal-Unjoni jkunu jistgħu jagħtu ġustizzja ta' kwalità fi żmien raġonevoli u bil-għan li jinkiseb bilanċ aħjar fit-tqassim tal-volum tax-xogħol bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, fl-1 ta' Settembru 2024 daħlu fis-seħħ emendi importanti tal-Istatut u tar-Regoli tal-Proċedura. L-emendi tal-Istatut, proposti mill-Qorti tal-Ġustizzja, ġew adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura ġew adottati mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali wara l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn l-emendi jimplimentaw it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali u jimmodernizzaw il-proċeduri quddiem iż-żewġ qrati.



L-emendi tal-Istatut u l-implimentazzjoni tagħhom

L-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ppermettew it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali b'effett mill-1 ta' Ottubru 2024. Din il-possibbiltà ilha teżisti sa mit-Trattat ta' Nice ffirmat fl-2001 u saret kunsiderazzjoni konkreta fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni tal-2015, b'mod partikolari bl-irdoppjar tan-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, numru li ntlaħaq fl-2022.

Il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali sabiex tiegħu konjizzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari ser tiġi eżerċitata f'**oqsma speċifiċi**, identifikabbli b'mod ċar, li f'tit iqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju u li fihom teżisti bażi kunsiderevoli ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tista' tiggwida lill-Qorti Ġenerali fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza ġdida. Dawn huma barra minn hekk talbiet għal deċiżjoni preliminari li huma mistennija jagħtu lok għal numru suffiċjenti ta' kawżi ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali sabiex dan it-trasferiment ikollu impatt reali f'termini ta' tħaffif tal-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dawn l-oqsma speċifiċi huma s-sistema komuni tal-VAT, id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija, il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li jiġu miċħuda milli jitlegħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport, u s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali



[ara l-video fuq YouTube](#)



L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jispeċifikaw, l-ewwel nett, il-modalitajiet tat-trattament inizjali tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari bil-għan li jiġi ddeterminat liema qorti għandha tismagħhom. It-tieni nett, dawn ir-Regoli jipprevedu d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi ggarantit trattament malajr tat-talbiet li l-Qorti Ġenerali tibgħat lura lil-Qorti tal-Ġustizzja minħabba li jkun jmeħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju li tkun tista' taffettwa l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-imsemmija Regoli jipprevedu l-modalitajiet għat-tqegħid fuq l-internet, fi żmien raġonevoli wara l-għeluq tal-kawża, tan-noti jew tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fir-rinviji għal deċiżjoni preliminari mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut.

L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jispeċifikaw il-modalitajiet tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mgħoddija lill-Qorti Ġenerali. Sabiex il-qراطي nazzjonali u l-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut jingħataw l-istess garanziji bħal daww applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali essenzjalment irriproduċiet id-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja applikabbli għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, inklużi daww dwar il-pubblikazzjoni tan-noti u tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati.

Emendi importanti oħra jikkonċernaw **l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali**. Dawn l-emendi jipprevedu l-ħolqien ta' Awla Intermedja b'disa' Mħallfin, ippresjeduta mill-Viċi President tal-Qorti Ġenerali. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari ser jiġu assenjati lil awli b'ħames Imħallfin magħżula speċifikament sabiex jisimgħu dawn il-kawżi, iżda jistgħu jintbagħtu quddiem kulleġġ ġudikanti ieħor, skont l-importanza tad-domandi magħmula.

L-Imħallfin imsejħa sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali fil-kawża għal deċiżjoni preliminari (kif ukoll dawk imsejħa sabiex jissostitwixxuhom fil-każ ta' impediment) għandhom jiġu eletti mill-Qorti Ġenerali u jassistu lill-kulleġġ ġudikanti kompetenti f'kull kawża għal deċiżjoni preliminari, bħalma jagħmlu l-Avukati Ġenerali fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll dawk dwar il-modi ta' preżentata u ta' notifika tal-atti proċedurali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari.

Minħabba l-portata tal-emendi kienet meħtieġa **formulazzjoni ġdida tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni** tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

L-emendi l-oħra tar-Regoli tal-Proċedura

Emendi oħra huma intiżi li jtejbu, jissimplifikaw u jimmodernizzaw it-trattament tal-kawżi mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali, filwaqt li ttieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba matul il-kriżi sanitarja. L-iktar bidla sinjifikattiva għall-Qorti tal-Ġustizzja hija l-possibbiltà – li diġà kienet prevista għall-Qorti Ġenerali – għar-rappreżentanti tal-partijiet jew tal-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut li jipparteċipaw għal seduta għas-sottomissjonijiet orali permezz ta' videokonferenza, b'osservanza tal-kundizzjonijiet legali u tekniċi speċifikati fl-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrevediet sensiela ta' dispożizzjonijiet intiżi li japplikaw għar-rikorsi diretti, fosthom dawk dwar it-trattament kunfidenzjali tal-atti proċedurali, l-adattament tar-rikors fil-mori tal-kawża u r-regoli formali li għandhom jiġu osservati għall-preżentata tal-atti proċedurali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tax-xandir tas-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa għodda ta' trasparenza u ta' aċċessibbiltà tal-ġustizzja, dispożizzjoni ġdida tispeċifika r-regoli applikabbli għax-xandir tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali, għas-seduti tal-ġħoti tas-sentenzi u tal-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali. Min-naħa tagħha, il-Qorti Ġenerali introduċiet dispożizzjonijiet essenzjalment ekwivalenti.




L-esperjenza ta' Giulia Predonzani, attachée fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali

"Id-dilettanti tal-ġiri jistgħu jqabblu l-formulazzjoni mill-ġdid tal-Istatut mal-maratona li fiha kull dilettant jixtieq li xi darba jipparteċipa...u joħlom dwarha għal iktar minn għoxrin sena. Sabiex wasalna għaliha kellna ngħaddu minn diversi stadji. Fil-fatt, it-tlestija tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat lill-Qorti Ġenerali r-riżorsi u l-istruttura li kellha bżonn sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari bil-ħeffa meħtieġa. Madankollu, ma stajniex nieqfu hawn.

Sabiex tipparteċipa f'din il-maratona, il-Qorti Ġenerali kellha wkoll toħloq qafas regolamentari u prattiku adegwat. L-ewwel nett, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-involvement tal-qrati nazzjonali u tal-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut fil-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti Ġenerali ma aġġornatx biss ir-Regoli tal-Proċedura tagħha u d-Dispożizzjonijiet Prattiċi għall-Implimentazzjoni tagħhom, iżda wkoll id-deċiżjoni tagħha dwar l-użu tal-applikazzjoni e-Curia kif ukoll it-testi ta' 'soft law', jiġifieri ċ-check-lists, il-formoli

u d-dokumenti informativi l-oħra kollha (ommissjoni ta' data fil-proċeduri ġudizzjarji, mudelli ta' rikors). It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kellha tadotta d-deċiżjonijiet dwar il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-awli tagħha u tad-diversi kulleġġi tagħha, inkluż fir-rigward tal-awla intermedja l-ġdida, u kellha teleġġi l-Avukati Ġenerali għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. Fl-aħħar nett, sabiex timplimenta proċessi ta' xogħol ġodda, il-Qorti Ġenerali kellha tikkoordina mal-parteċipanti l-oħra f'din il-maratona, b'mod partikolari d-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu, id-Direttorat tat-Teknoloġiji tal-Informatika u d-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni. Pass importanti kien il-ħolqien ta' 'one-stop shop': applikazzjoni li tiġbor b'mod ċentrali l-analiżi tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jistgħu jintbagħtu lill-Qorti Ġenerali. Id-djalogu pożittiv mar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, sieħeb istituzzjonali, kien akkumpanjament kostanti matul il-'perijodu ta' taħriġ' kollu.

Preparazzjoni, antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet, xogħol intensiv u fit-tul, u dan kollu fi skeda ta' żmien ambizzjuż. F'Ottubru 2024, il-membri tal-persunal tal-Qorti Ġenerali u tar-Reġistru tagħha kienu lesti, fl-'starting blocks', sabiex jibdew din il-maratona tant mistennija! Sal-aħħar tal-2024, 23 proċess għaddew mill-'one-stop shop' u finalment 19-il kawża ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali. It-tellieqa tkompli u jidher li sejrin tajjeb!"



L-20 anniversarju tat-tkabbir tal-2004



Fl-1 ta' Mejju 2004, għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea: ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja. Dan kien l-ikbar tkabbir tal-Unjoni sal-lum il-ġurnata, kemm f'termini ta' popolazzjoni kif ukoll b'ħala numru ta' pajjiżi.

L-impatt tat-tkabbir tal-2004 fuq il-funzjonament tal-Qrati

Fost id-diversi tkabbir suċċessivi, dak tal-2004 kien l-ikbar wieħed bl-integrazzjoni, f'daqqa, ta' għaxar Imħallfin ġodda fil-Qorti tal-Ġustizzja u għaxra oħra fil-Qorti Ġenerali.

L-impatt fuq is-**sistema lingwistika** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kien wieħed kunsiderevoli. Il-lingwi uffiċjali żdiedu minn 12 għal 21, li wassal għal żieda esponenzjali fin-numru ta' kombinazzjonijiet lingwistiċi, minn 110 għal 420.

Il-ħolqien ta' uffiċċji ġodda u ta' diviżjonijiet lingwistiċi ġodda kien jeħtieġ sforz strutturali kbir, kemm f'termini ta' proprjetà immobbli kif ukoll f'termini ta' reklutaġġ, bil-wasla ta' diversi mijiet ta' kollegi ġodda fi żmien sena.

Il-kontribut tal-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-2004 kien sostanzjali: f'20 sena, il-qrati tal-għaxar Stati Membri ġodda ressqu kważi 1 300 kawża għal deċiżjoni preliminari.

"Mument kostituzzjonali ġdid għall-Ewropa"

Sabiex tiċċelebra dan l-avveniment storiku, il-Qorti tal-Ġustizzja organizzat, fit-3 ta' Mejju 2024, kollokju, intitolat "L-20 sena mill-adeżjoni ta' għaxar Stati mal-Unjoni Ewropea: mument kostituzzjonali ġdid għall-Ewropa", li laqqa' mħallfin u rappreżentanti mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' riflessjoni kollettiva dwar il-kontribut tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-iżvilupp tal-proġett Ewropew u dwar il-kontribut ta' dawn l-għaxar Stati Membri għall-ordinament ġuridiku komuni.

Il-kollokju tat-3 ta' Mejju, li l-atti tiegħu jinsabu fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja, indirizza diversi suġġetti, fosthom:

- il-proċess ta' adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda wara l-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin, proċess li rrikjeda trasformazzjoni fundamentali fil-leġislazzjoni, fl-ispirtu u fil-kultura tal-popli kkonċernati;
- il-valuri Ewropej komuni u l-kontribut tat-tkabbir tal-2004 għall-iżvilupp tal-Unjoni bħala "Unjoni ta' valuri"; u
- il-konverġenza bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri l-ġodda u l-bqija tal-Unjoni.

Il-preżentazzjonijiet mogħtija mill-kelliema u d-diskussjonijiet mal-parteċipanti fakkruna li l-Unjoni Ewropea hija unika sa fejn hija bbażata fuq valuri kondiviżi, li l-iktar importanti fosthom huma d-demokrazija u l-Istat tad-dritt, valuri dawn li kemm l-Unjoni u kemm l-Istati Membri għandhom ikomplu jiddefendu.





Stqarrija minn Ineta Ziemele, Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, mexxejja tal-grupp ta' ħidma responsabbli għall-organizzazzjoni tal-avveniment

“L-iskop prinċipali tal-konferenza li fakkret l-20 sena mill-ikbar tkabbir f'daqqa tal-Unjoni Ewropea kien li nirriflettu fuq l-impatt u l-bidla li dan it-tkabbir kellu fuq l-Unjoni. Tqies li dan kien il-mument opportun sabiex niddiskutu u niskambjaw l-esperjenzi u t-tagħlim miksub dwar kif żviluppaw u nbidlet l-Unjoni matul l-aħħar 20 sena wara dan l-avveniment storiku.

Il-Qrati tal-Unjoni, fil-preparazzjoni għal din il-konferenza, ipproponew li t-tkabbir tal-2004 jiġi ppreżentat bħala mument ta' importanza kostituzzjonali – bħala bidla monumentali – li għaqqad l-Ewropa tal-Lvant u l-Ewropa tal-Punent fi proġett kostituzzjonali komuni. L-Unjoni firxet il-valuri u l-prinċipji tagħha f'partijiet tal-Ewropa bi storja partikolarment kumplessa. Filwaqt li l-għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu mal-Unjoni b'determinazzjoni qawwiya u b'tama ta' libertà, ġustizzja u prosperità, l-adeżjoni mal-Unjoni kienet proċess kumpless, u mhux dejjem naturali, u l-Istati kandidati ddedikaw ammont inkredibbli ta' ħidma u ta' sforz sabiex jissodisfaw il-kriterji għall-adeżjoni (magħrufa bħala l-kriterji ta' Kopenhaġen), stabbiliti għall-ewwel darba mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhaġen fl-1993.

Dak il-jum 20 sena ilu għab ukoll bidla fundamentali għall-Unjoni fir-rigward tal-oqsma kollha tal-kompetenza tagħha. Mhux dejjem kien faċli li tiġi prevista x'kienet ser tkun din il-bidla, iżda kien evidenti li kien hemm iktar potenzjal għal żvilupp fi ħdan is-suq intern tagħha, u kien hemm diversità kulturali, storika u lingwistika li wittiet it-triq għal u mxiet id f'id mal-iżviluppi futuri politiċi u legali fi ħdan l-Unjoni. L-Unjoni hekk imkabbra kisbet ukoll rwol iktar importanti fuq livell globali.

Karatteristika unika oħra tal-konferenza kienet li l-Qrati tal-Unjoni stiednu kelliema minn kull Stat ikkonċernat li kienu involuti direttament fil-proċess ta' adeżjoni jew kienu personalitajiet ewlenin b'rwoli importanti inkonnessjoni mas-sħubija tal-Istat jew mal-Unjoni stess. B'hekk il-konferenza kienet opportunità sabiex jiġu espressi opinjonijiet minn diversi dixxiplini fi ħdan ir-riflessjonijiet proposti mill-Qrati tal-Unjoni għal din l-okkażjoni.

Il-konferenza għalqet b'ħarsa ġenerali u impressjonanti lejn l-istorja partikolarment kumpless u ħafna drabi kiefra ta' dawn l-Istati, mogħtija mill-Professor Norman Davies. Dan id-diskors kien tfakkira importanti tal-fatt li l-valuri tal-Unjoni għandhom jiġu apprezzati ta' kuljum u li hija meħtieġa ħidma serja minn kulħadd fl-Unjoni sabiex dawn il-valuri jinżammu u jiżviluppaw. B'dawn il-lezzjonijiet jidwu f'widnejna, il-kor tal-Qrati tal-Unjoni kanta kant b'għaxar lingwi, qabel għalaq bix-xogħol 'Ode to Joy' ta' Beethoven, xogħol li għadu jesprimi l-ideal proprju tal-Unjoni: għaqda ta' aħwa fost ir-razza umana.”

Qafas etiku msaħħaħ għall-membri tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Fid-dawl tan-natura tal-missjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn dejjem imponiet fuqha stess l-oġġli rekwiżiti f'termini ta' indipendenza, ta' imparzjalità u ta' integrità. L-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, li huma wkoll valuri li fuqhom hija msejsa l-identità tal-istituzzjoni, hija essenzjali sabiex tiġi ggarantita l-fiduċja fil-ġustizzja Ewropea, kif ukoll il-leġittimità tagħha. Din hija r-raġuni għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura li għandha qafas legali intern li jikkorrispondi għall-oġġli standards etiċi u, għalhekk, li tilħaq l-aspettattivi ta' livell eżemplari mistennija minn istituzzjoni ġudizzjarja

B'hekk, sa mill-bidu l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea osservat regoli etiċi eżiġenti. Il-Membri tal-istituzzjoni (l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistraturi) u l-membri kollha tal-persunal huma suġġetti għal dawn ir-regoli, inkluż wara li jitolqu mill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'kuntest fejn l-aspettattivi ta' livell eżemplari mistennija mis-servizz pubbliku Ewropew huma dejjem u dejjem ikbar, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li tkompli timmodernizza r-regoli interni tagħha fejn tidħol l-etika. Din l-inizjattiva, mibdija fl-2021 bl-emenda tal-[Kodiċi ta' kondotta għall-Membri u għall-ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea](#), qiegħda titkompla bl-adozzjoni ta' Kodiċi ta' kondotta għall-membri kollha tal-persunal.

B'hekk, ir-regoli li kienu diġà jinsabu fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u fil-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll f'diversi dispożizzjonijiet interni, ġew żviluppati f'iktar dettall, ikkompletati u adattati għar-rekwiżiti ġudizzjarji f'dokument wieħed, il-Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-persunal, li, wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kumitat Amministrattiv, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2024.

Dan il-Kodiċi, li huwa bbażat fuq regoli tal-etika misluta minn diversi sorsi eżistenti, jipprovdi, fil-forma ta' strument wieħed, aċċess faċli u li jinftehem għall-membri kollha tal-persunal suġġetti għal dawn ir-regoli. Għal finijiet ta' trasparenza u ta' ċertezza, il-Kodiċi huwa intiż li jinterpreta dawn l-obbligi filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-missjoni



ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li jispeċifika l-mod kif ser jiġu implimentati. Huwa jsegwi approċċ etiku, ibbażat fuq il-valuri li jiggwidaw l-azzjoni tal-istituzzjoni, espressi bħala standards ta' aġir eżemplari. Il-Kodiċi jinkludi, barra minn hekk, regoli partikolari għall-membri f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom, u għar-référendaires, minħabba l-pożizzjoni li jokkupaw fl-uffiċċji tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali u minħabba l-involvement dirett tagħhom fil-ħidma ġudizzjarja. Dawn ir-regoli jenfasizzaw li d-dmir ta' livell eżemplari huwa proporzjonat għar-responsabbiltajiet eżerċitati u jispjegaw fid-dettall obbligi speċifiċi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interessi u tal-eżerċizzju ta' attivitajiet esterni, inkluż wara t-tmiem tal-kariga.





C. Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku

16 319 -il viżitatur, li minnhom

3 985 professjonist tad-dritt

Viżitaturi virtwali: 7 %

2 493 viżitatur matul il-Jum “Bibien Miftuħa”

Żjarat mill-bogħod – programm edukattiv

Dan il-[programm edukattiv](#) virtwali huwa intiż li jippermetti lill-istudenti ta' bejn il-15 u t-18-il sena jiskopru l-missjoni tal-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni mill-klassi tagħhom, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiġu l-Lussemburgu. Il-programm huma maħsub li jrawwem għarfien fost l-istudenti żgħażaġġ, u l-għalliema tagħhom, dwar il-valuri demokratiċi u dwar l-isfidi legali attwali, u li jispjegalhom l-impatt tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. FI-2024, madwar 1 300 student kellhom l-oportunità li jżuru l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dan il-programm.

L-uffiċjali tal-istampa fid-Direttorat tal-Komunikazzjoni, li għandhom taħriġ bħala ġuristi, għandhom ir-rwol li jispjegaw is-sentenzi, id-digriet u l-konklużjonijiet, kif ukoll il-kawżi pendenti, lill-ġurnalisti u lill-korrispondenti mill-Istati Membri kollha. Huma jħejju stqarrijiet għall-istampa sabiex jinformat lill-ġurnalisti u lill-prattikanti f'ħin reali dwar id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Huma jxandru, lill-persuni li jkunu għamlu talba f'dan is-sens lid-[Dipartiment tal-Istampa](#) tal-Qorti tal-Ġustizzja, ittri ta' informazzjoni regolari li jħabbu l-avvenimenti proċedurali u istituzzjonali importanti, kif ukoll l-“info-rapides” dwar kawżi li ma jkunux koperti minn stqarrijiet għall-istampa. Barra minn hemm huma jwieġbu għall-ittri elettroniċi u għat-telefonati taċ-ċittadini.

2 509 stqarrijiet għall-istampa

610 ittri b'informazzjoni

-il pubblikazzjoni
516 ta' informazzjoni
“info-rapide”

13 091 tveġiba għal talba għal informazzjoni min-naħa ta' ċittadini (telefonati u ittri elettroniċi)

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm preżenza attiva fin-networks soċjali permezz ta' żewġ kontijiet fuq X (wieħed bil-Franċiż u l-ieħor bl-Ingliż), fuq LinkedIn u fuq Mastodon. In-numru dejjem jikber ta' abbonati fuq dawn in-networks huwa xhieda tal-interess kontinwu min-naħa tal-pubbliku fl-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din tal-aħħar għandha wkoll profil fuq YouTube fejn toffri aċċess, fl-24 lingwa uffiċjali, għal kontenut awdjoviżiv varju, b'mod partikolari animazzjonijiet intiżi għall-pubbliku ġenerali li jispjegaw kif il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

163 000 segwaċi fuq X +2 % meta mqabbla mal-2023

297 346 abbonat fuq LinkedIn +26 % meta mqabbla mal-2023

4 500 abbonat fuq Mastodon

90 000 abbonat u 600 000 videos segwiti fuq YouTube + 137 % meta mqabbla mal-2023

FI-2024, il-Qorti tal-Ġustizzja ppubblikat animazzjoni ġdida: Tqassim tal-ġurisdiżzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.



[Ara l-video fuq YouTube](#)



Xandir tas-seduti

Sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-attività ġudizzjarja tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja toffri sistema ta' xandir tas-seduti. L-għoti tas-sentenzi u l-qari tal-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali jixxandru f'ħin dirett fis-sit internet, skont l-iskeda indikata fl-[Aġenda ġudizzjarja](#). Is-seduti għas-sottomissjonijiet orali tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja jixxandru wkoll, iżda bi ftit dewmien.

Ir-reġistrazzjoni tibqa' disponibbli għal xahar.

Qabel ix-xandir tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali, **rapportaġġ li jispjega l-kawża** bil-lingwi tas-seduta jixxandar fis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll fin-networks soċjali. FI-2024, ixxandru total ta' **29** rapportaġġ.





4

**Istituzzjoni li
tirrispetta l-ambjent**



Il-Qorti tal-Ġustizzja ilha għal diversi snin issegwi politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa l-iktar standards eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ħarsien tar-riżorsi naturali. Dan l-impenn ilu jintwera mill-2016 permezz tar-reġistrazzjoni tagħha fl-**EMAS** (Eco-Management and Audit Scheme). Din iċ-ċertifikazzjoni rregolata mill-Unjoni Ewropea tingħata lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw standards stretti fir-rigward tal-politiki ambjentali tagħhom, tal-isforzi tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-metodi ta' ħidma sostenibbli tagħhom.


Fl-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja laħqet riżultati sodisfaċenti ħafna fir-rigward tal-indikaturi ambjentali kollha tagħha u l-2023 hija sena li minn issa 'l quddiem tista' titqies li hija l-bażi ta' riferiment ġdida f'termini ta' rendiment ambjentali, wara l-kriżi sanitarja fis-snin 2020-2022.

L-indikaturi ambjentali għall-ilma, għall-iskart, għall-karti, għat-tiġin u għall-elettriku jikkorrispondu għal dawk tas-sena 2023. Il-bidliet jitkejlu meta mqabbla mal-2015, is-sena ta' riferiment għall-iskema tal-EMAS.

B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-**konsum tal-enerġija**, il-miżuri ta' tnaqqis tal-konsum marbuta mal-gwerra fl-Ukraina ġew estiżi u l-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet irreġistrat tnaqqis sinjifikattiv fil-konsum tagħha tal-elettriku u tat-tiġin. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja laħqet l-għanijiet ambizzjużi tagħha fil-qasam tal-**konsum tal-karti**. Fl-2023, l-użu tal-karti tal-uffiċċju (esklużi l-pubblikazzjonijiet fdati lil kuntratturi esterni) naqas b'55.2 % meta mqabbel mal-livell tiegħu qabel il-kriżi fl-2019, tendenza li kompliet bis-saħħa tal-bidliet fl-użanzi u bis-saħħa tat-tkomplija tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u tad-dokumenti.

Minkejja li l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja reġgħu bdew kompletament, inklużi ż-żjarat minn persuni esterni, ġiet ikkonstatata tendenza ta' stabbilizzazzjoni fl-emissjonijiet ta' CO₂, bis-saħħa tal-proġetti diversifikati u bis-saħħa wkoll tas-sensibilizzazzjoni u tal-impenn attiv tal-membri tal-persunal fir-rigward tal-politika EMAS.

L-ekwivalenti full-time (EFT) hija unità li tippermetti li titkejjel l-attività professjonali b'mod indipendenti mid-differenzi f'termini ta' numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għal kull membru tal-persunal minħabba d-diversi modi kif jiġi organizzat il-ħin tax-xogħol.



It-titjib tar-riċiklaġġ tal-iskart
u t-tnaqqis tal-plastik li jintuża
darba biss



veloH!

Parteċipazzjoni fis-sistema ta' roti
self-service Vel'OH u sostenn għat-traġitti
bir-rota u bil-ferrovija għall-ħaddiema
transkonfinali. Installazzjoni ta' postijiet
għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.



Tnaqqis tal-konsum
tal-karti
↓ 63 % kg/ETP



Tnaqqis tal-konsum
tal-ilma
↓ 20 % m³/ETP



Tnaqqis tal-iskart
"Uffiċċji u Ristorazzjoni"
↓ 43.2 % kg/ETP



Titjib fl-infrastrutturi
tat-tisħin,
tal-ventilazzjoni,
tal-klimatizzazzjoni
u tad-dawl



Tnaqqis tal-konsum
tal-elettriku
↓ 28.7 % kWh/ETP



Tnaqqis tal-konsum
tal-enerġija għat-tisħin
↓ 33.5 % kWh/ETP



3 466 m²
ta' ċelloli fotovoltajċi
għal produzzjoni ta'
380 758 kWh
ekwivalenti
għall-bżonnijiet annwali ta'



Tnaqqis tal-emissjonijiet
tal-karbonju
↓ 30.2 % kg CO₂/ETP





5

Ħarsa lejn il-futur

L-isfida prinċipali għas-sena 2025 ser tkun li jiġi żgurat is-suċċess sħiġ tal-**implimentazzjoni tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali**, li beda japplika fl-1 ta' Ottubru 2024 u li huwa l-aħħar stadju tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun qiegħda tiżgura li d-dipartimenti kollha jagħtu lill-Qorti Ġenerali appoġġ effettiv u ta' kwalità sabiex tkun tista' tittratta dawn il-kawżi fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

B'reazzjoni għaż-żieda fin-numru ta' kawżi mistennija fuq perijodu qasir u medju, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun qiegħda tkompli, barra minn hekk, **bl-inizjattiva ta' diġitalizzazzjoni tal-proċessi ġudizzjarji u tal-fajls amministrattivi** fl-interess tal-effettività u tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni tagħha. Hija ser tkun qiegħda tkompli tisfrutta l-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġiji innovattivi, filwaqt li timxi bil-prudenza meħtieġa min-natura ġudizzjarja tal-missjoni tagħha u filwaqt li tiegħu bħala gwida l-portata tal-għarfien u tat-talenti tal-kollaboraturi tagħha.

Is-sena 2025 ser tkun ikkaratterizzata wkoll minn **proġetti ġodda indirizzati liċ-ċittadini**, b'estensjoni tal-politika ta' trasparenza u ta' aċċess għall-informazzjoni mħaddna mill-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex tkabbar it-trasparenza tal-attività ġudizzjarja u amministrattiva tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tiddiversifika u tfassal mill-ġdid il-kanali ta' komunikazzjoni tagħha. B'hekk, l-istituzzjoni ser tkun qiegħda tniedi bidla fis-sit internet tagħha sabiex twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet kemm tal-professionisti tad-dritt u tal-mezzi tal-komunikazzjoni kif ukoll tal-pubbliku b'mod ġenerali. Barra minn hekk, sabiex tiffaċilita l-komprensjoni tal-funzjonament tagħha u tad-deċiżjonijiet tagħha miċ-ċittadini kollha, inklużi l-ġenerazzjonijiet ta' età żgħira, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun qiegħda tniedi pjattaforma awdjoviżiva fuq l-internet, intitolata Curia Web TV, li ser tkun qiegħda xxandar programmi li jispjegaw l-attività tagħha.

Fl-2025, l-Unjoni Ewropea ser tiċċelebra **t-tletin anniversarju mill-adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Isvezja**. Il-Qorti tal-Ġustizzja ser tfakkar dan ir-raba' tkabbir tal-Unjoni Ewropea li, kważi 10 snin wara l-adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall u wara l-approvazzjoni permezz ta' referendum fi ħdan it-tliet Stati ġodda kkonċernati, kabbar l-Unjoni Ewropea għal 370 miljun ċittadin u estenda l-kopertura ġeografika tagħha b'mod sinjifikattiv kemm lejn it-Tramuntana u kemm lejn iċ-Ċentru tal-Ewropa. Ser tingħata importanza lill-kuntest tal-adeżjoni ta' dawn it-tliet pajjiżi, it-tifsira tagħha u l-implikazzjonijiet tagħha għal kull wieħed minnhom, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti eminenti mill-Istati inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkompli **bid-djalogu intens** li ilha żżomm għal iktar minn 70 sena **mal-qrati nazzjonali** sabiex tiżgura l-koerenza u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Ewropew.

Hija ser tkun qiegħda tagħmel dan, b'mod partikolari, fil-kuntest tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea, mal-qrati kostituzzjonali u supremi, kif ukoll fil-kuntest tal-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura Nazzjonali organizzat kull sena fil-bini tagħha.

Hija ser torganizza wkoll, f'Sofia, f'Settembru 2025, il-konferenza "EUnited in diversity". Wara l-ewwel edizzjoni li nżammet fl-2021 f'Riga u dik tal-2023 f'Den Haag, it-tielet edizzjoni ser tkompli bit-tradizzjoni ta' din il-laqgħa kull sentejn u ser tindirizza t-tema "L-rwol tal-ġustizzja kostituzzjonali fl-ordinament ġuridiku komuni tal-Unjoni Ewropea".








6

Nibqgħu konnessi!



Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia
curia.europa.eu

Segwi l-attwalità ġurisprudenzjali u istituzzjonali

billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**:

curia.europa.eu/jcms/PressReleases

billi tabbona mar-**RSS** tal-Qorti tal-Ġustizzja:

curia.europa.eu/jcms/RSS

billi ssegwi l-kont **X** tal-istituzzjoni:

CourUEPresse jew EUCourtPress

billi ssegwi l-kont **Mastodon** tal-istituzzjoni:

curia.social-network.europa.eu/@Curia

billi ssegwi l-kont **LinkedIn**:

linkedin.com/company/european-court-of-justice

billi tniżżel l-**applikazzjoni CVRIA** għal smartphones u tablets

billi tikkonsulta l-**Ġabra ta' ġurisprudenza**:

curia.europa.eu/jcms/EuropeanCourtReports

Sabiex issir taf iktar dwar l-attività tal-istituzzjoni

ikkonsulta l-paġna dwar ir-**Rapport Annwali**:

curia.europa.eu/jcms/AnnualReport

ara l-animazzjonijiet fuq **YouTube**:

youtube.com/@CourtOfJusticeEU

Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni

I-arkivji storiċi:

curia.europa.eu/jcms/archive

id-dokumenti amministrattivi:

curia.europa.eu/jcms/documents

Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea


L-istituzzjoni toffri lill-partijiet interessati **programmi ta' żjarat** imfassla b'mod speċifiku skont l-interess ta' kull grupp (smiġħ ta' seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-arti, żjara ta' studju, żjarat virtwali):

curia.europa.eu/jcms/visits

Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni

Iktbilna permezz tal-**formola ta' kuntatt**:

curia.europa.eu/jcms/contact






IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

L-2925 Il-Lussemburgu

+352 4303-1

curia.europa.eu



Test miktub fi Frar 2025 / Data vverifikata sal-31.12.2024

Tħejjija tal-pubblikazzjoni: Il-Qorti tal-Ġustizzja / Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni / Id-Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi, 2025

La l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lanqas kull persuna li taġixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

© Unjoni Ewropea, 2025

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors.

Ritratti/illustrazzjonijiet:

L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor ; Paġni 9, 12, 13, 83:

© shutterstock.com ; Paġni 11 : Lietuvos nacionalinis muziejus / Ritratt: © Gediminas Trečiokas ; Paġni 94 - 95

Ritratt: Gediminas Karbauskis

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

Print	ISBN 978-92-829-4802-6	ISSN 2467-1460	doi:10.2862/3612736	QD-01-24-003-MT-C
PDF	ISBN 978-92-829-4801-9	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/0659412	QD-01-24-003-MT-N
HTML	ISBN 978-92-829-4800-2	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/3062415	QD-01-24-003-MT-Q







IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni
Id-Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi

